MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 12/2014/1

**Daniel Alexander Holmes**

***v.***

**Avukat Ġenerali; Kummissarju tal-Pulizija; Direttur Ġenerali tal-Qrati u Tribunali (Għawdex); Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali**

1. Dan huwa appell tal-attur Holmes u appell ieħor tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija fit-3 ta’ Ottubru 2014 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li iddeċidiet hekk dwar ilment tal-attur illi nkisru d-drittijiet tiegħu mħarsa taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u l-artt. 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”]:

> “1. tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju. L-istess jingħad fir-rigward tal-eċċezzjoni li taw l-intimati numru 3 u 4 [id-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Tribunali (Għawdex) u r-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali rispettivament] li m’humiex il-leġittimi kontradittturi. Għalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> “2. tiddikjara ksur tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli (artikolu 6 tal-Konvenzjoni u artikolu 39 tal-Kostituzzjoni) fil-proċeduri kriminali li kienu oġġett tal-kawża deċiża llum;
>
> “3. tiddikjara li l-artikolu 22(1) [*recte*, 22(2)] tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta[1] jikser id-dritt fundamentali taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni;
>
> “4. tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent is-somma ta’ sebat elef euro (€7,000) bħala kumpens għall-ksur;
>
> “5. tiċħad il-kumplament tal-ilmenti tar-rikorrent.”

2. Il-fatti relevanti huma dawn: L-attur kien ġie akkużat b’importazzjoni u koltivazzjoni tal-pjanta *cannabis* u b’pussess tal-istess droga li nstabet f’ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklusiv tiegħu, u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi [“Kap.

[1] L-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi.

101"]. B'sentenza tal-24 ta' Novembru 2011 il-Qorti Kriminali sabet lill-attur ħati wara li ammetta l-akkużi u ikkundannatu għal piena ta' għaxar snin u sitt xhur priġunerija u multa ta' tlieta u għoxrin elf euro (€23,000). Din is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru tal-2013.

3. B'rikors tat-12 ta' Frar 2014 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha l-attur ressaq dawn l-ilmenti:

   i. ma tħalliex ikollu l-għajnuna ta' avukat matul l-investigazzjoni tal-pulizija;

   ii. waqt il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) kellu l-għajnuna ta' avukat tal-għajnuna legali; l-avukat assenjat lilu kien dak li kien imiss fuq "elenku ristrett" ta' avukati bla ma ngħatat konsiderazzjoni għall-ħtieġa ta' speċjalizzazzjoni fid-dritt penali u għalhekk ma setax jagħti "difiża adegwata" lill-attur; barra minn hekk, l-avukat għal għajnuna legali jitħallas mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, li huwa l-prosekutur pubbliku;

   iii. is-setgħa tal-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi jekk l-akkużat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew quddiem ġuri fil-Qorti Kriminali tfisser illi l-Avukat Ġenerali, li huwa wkoll il-prosekutur, għandu s-setgħa li b'dis-krezzjoni soġġettiva jiddeċiedi liema piena għandha tapplika;

iv. saret ukoll diskriminazzjoni kontra tiegħu għax persuni oħra akkużati bl-istess reat tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali waqt illi l-attur tressaq quddiem il-Qorti Kriminali;

v. ma ngħatax smigħ xieraq ukoll għax fil-każ tiegħu ma tħarsux l-artt. 432 u 597(4) tal-Kodiċi Kriminali, nuqqas li kellu jwassal għan-nullità tal-att ta' akkuża;

vi. kif inhuwa mfassal l-art. 22(1B) tal-Kap. 101 joħloq nuqqas ta' "ċertezza legali" minħabba diskrepanza bejn dik id-disposizzjoni – li tgħid illi l-kelma "jittraffika" tinkludi koltivazzjoni – u l-art. 3(2) tal-*United Nations Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances* tal-1988, u ma joħroġx ċar illi l-kelma "koltivazzjoni" għandha tiġi interpretata biex tolqot biss "kultivar mhux għall-użu esklusiv", b'mod li ma hemmx disposizzjoni li tolqot "kultivar għall-użu personali", u għalhekk tista' tingħata *pœna sine lege*;

vii. ma ngħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minħabba dewmien; u

viii. ma ngħatax smigħ xieraq ukoll għax "il-Qrati tal-Appell jillimitaw il-funzjoni tagħhom stess għal waħda ta' *review*", meta ma huwiex biżżejjed illi l-Qorti tal-Appell tara biss jekk il-piena hijiex fil-parametri tal-liġi għax piena fil-parametri tal-liġi wkoll tista' tkun waħda mhix xierqa għall-każ.

4. L-attur għalhekk talab illi l-qorti tgħid illi kien hemm ksur tal-jeddijiet tiegħu mħarsa taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-artt. 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni u tagħti rimedji xierqa, fosthom billi tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-31 ta' Ottubru 2013.

5. L-ewwel qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> »B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' Novembru 2011 ir-rikorrent instab ħati b'importazzjoni u kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis* u b'pussess ta' din id-droga li nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu. Ir-rikorrent qiegħed jilmenta li:-
>
> »1. ġie mċaħħad mid-dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiduċja tiegħu waqt l-investigazzjoni, mill-presenza ta' avukat waqt li ttieħdet l-istqarrija, u wkoll mill-aċċess għall-*file* tal-pulizija li jikkonċerna l-każ;
>
> »2. ma kellux assistenza adegwata ta' avukat tal-għajnuna legali u l-ħlas tiegħu jsir mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li hu wkoll il-Prosekutur Pubbliku;
>
> »3. id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi jekk l-akkużat għandux jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew inkellha li jinħareġ att ta' akkuża sabiex igħaddi ġuri, jikser l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea;
>
> »4. kien hemm każijiet oħra fejn l-akkużati nstabu f'pussess ta' iktar droga minn dik li nstabet għand ir-rikorrent, u l-piena li ngħatat kienet inqas. Dan wassal għal leżjoni tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;
>
> »5. ma kellux smigħ xieraq għaliex kien hemm nuqqas proċedurali wara li l-Avukat Ġenerali għamel ir-rinvju tal-14 ta' Ottubru 2008;
>
> »6. ir-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq ġjaladarba l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid: "*For the purposes of this ordinance, the word dealing … includes cultivation*". Skond ir-rikorrent il-kliem '*includes cultivation*' għandha tiġi interpretata skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, *Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances* tal-1988 (artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni). Ir-rikorrent isostni li l-artikolu 22(1B) għandu japplika biss fil-każ ta' kultivar mhux għall-użu esklussiv. Dan wassal għall ksur tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 7 tal-Konvenzjoni.

»7. ir-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minħabba:-

»(a) dewmien żejjed;

»(b) li fis-sistema legali Maltija m’hawnx it-tielet grad ta’ reviżjoni fil-forma ta’ Qorti Suprema.

»Fatti.

»1. Fl-20 ta’ Ġunju 2006 ir-rikorrent ta stqarrija lill-pulizija fejn spjega li l-pjanti ta’ *cannabis* li nstabu fil-pussess tiegħu kienu għall-użu personali tiegħu. Fid-19 ta’ Ġunju 2006 saret tfittxija fir-residenza tar-rikorrenti u nstabu pjanti tal-*cannabis* qegħdin jitkabbru, pjanti tal-*cannabis* imnexxfin u ftit raża tal-*cannabis*.

»2. B’ordni tal-20 ta’ Ġunju 2006 l-Avukat Ġenerali ordna li l-każ tal-akkużat jinstema’ quddiem il-Qorti Kriminali.

»3. Fil-21 ta’ Ġunju 2006 ir-rikorrent tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja u ġie akkużat b’importazzjoni, kultivar, bejgħ u pussess ta’ *cannabis*. Waqt is-seduta r-rikorrent kien assistit minn avukat tal-għajnuna legali. Ir-rikorrent iddikjara li ma kienx ħati tal-akkużi u dakinhar ingħata l-ħelsien mill-arrest.

»4. Waqt is-smigħ tal-provi rriżulta li fir-residenza tar-rikorrent instabu pjanti tal-*cannabis* imnexxfin b’piż ta’ 1063.01 grammi u 0.24 grammi raża tal-*cannabis* b’valur ta’ €11,694.44 (ara rapport tal-Ispiżjar Mario Mifsud datat 10 ta’ Marzu 2007).

»5. Fil-bidu tas-smigħ tal-provi r-rikorrent kien assistit mill-avukat Dr Vincent Galea li b’nota preżentata fid-9 ta’ Lulju 2007 irrinunzja għall-patroċinju. Minfloku daħal Dr Kevin Mompalao meta fil-15 ta’ Ottubru 2007 ffirma rikors tar-rikorrent sabiex jiġu varjati l-kondizzjonijiet imposti mill-qorti meta ngħata l-ħelsien mill-arrest. Meta xehed quddiem din il-qorti l-Avukat Mompalao ikkonferma li kien assista lil Holmes bħala avukat tal-għajnuna legali. Fis-seduta tal-11 ta’ Settembru 2008 ir-rikorrent qal lill-qorti li kien ser jibda jiġi ppatroċinat mill-Avukat Dr Kenneth Grima. Imbagħad fis-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2008 kien assistit mill-avukat Dr Christian Grima li m’huwiex avukat tal-għajnuna legali.

»6. Fit-18 ta’ Jannar 2010 l-Avukat Ġenerali ppreżenta l-att ta’ akkuża.

»7. B’digriet tat-18 ta’ Novembru 2010 il-Qorti Kriminali appuntat il-ġuri għad-9 ta’ Diċembru 2010. Dakinhar l-avukat [*recte*, l-akkużat] kien assistit mill-Avukat Dr Kenneth Grima li ma kienx avukat tal-għajnuna legali. Il-każ ġie differit *sine die*. Fil-verbal ma tissemmiex ir-raġuni għalfejn ingħatat din l-ordni.

»8. Il-ġuri reġa’ ġie appuntat għal 21 ta’ Novembru 2011. Dakinhar ir-rikorrent irreġistra ammissjoni għall-akkużi. Fil-verbal jingħad ukoll: “*The accused, having been given time to reconsider his plea, again declared that he was pleading guilty to said charges*”.

»9. Fl-24 ta' Novembru 2011 ingħatat is-sentenza. L-akkużat instab ħati tal-akkużi kollha li nġiebu kontra tiegħu u ġie kkundannat għal għaxar snin u sitt xhur priġunerja u kkundannat iħallas multa ta' €23,000.

»10. Fl-14 ta' Diċembru 2011 l-akkużat appella mis-sentenza. Fil-31 ta' Ottubru 2013 ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali li kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti.

»Konsiderazzjonijiet.

»1. Hu minnu li fiż-żmien li ttieħdet l-istqarrija l-persuna suspettata li wettqet reat ma kenitx tingħata l-opportunità li tkellem avukat qabel tagħmel stqarrija. Sal-lum il-liġi Maltija lanqas tagħtih id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt li jkun qiegħed jagħmel l-istqarrija.

»F'sentenza li ngħatat fit-28 ta' Novembru 2013 mill-Qorti Ewropea fil-każ Dvorski *v.* Croatia, il-qorti osservat:

""*91. As regards the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court reiterates that these are generally recognised international standards which lie at the heart of a fair procedure. Their aim is to provide an accused person with protection against improper compulsion by the authorities and thus to avoid miscarriages of justice and secure the aims of Article 6 of the Convention. The right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent and presupposes that the prosecution in a criminal case will seek to prove the case against the accused without resorting to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused. In examining whether a procedure has impaired the very essence of the privilege against self-incrimination, the Court must examine the nature and degree of any compulsion, the existence of any relevant safeguards in the procedure and the use to which any material so obtained is put (see Bykov v. Russia [GC], no. 4378/02, § 92, 10 March 2009).*

*"92. The Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial (see Salduz, cited above, § 54).* ***At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure has tended to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task is, among other things, to help to ensure that the right of an accused not to incriminate himself is respected*** *(see Pavlenko, cited above, § 101).*" (enfażi mizjuda).

"Il-każ kien jitratta n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat tal-għażla tas-suspettat waqt l-interrogatorju.

"Il-posizzjoni preżenti tal-Qorti Kostituzzjonali tirriżulta mis-sentenza ir-Repubblika ta' Malta *v.* Martin Dimech tas-26 ta' April 2013:-

> ""Din il-qorti ġà kellha okkażjoni illi tgħid illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom **ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilità tal-persuna interrogata**, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq" (enfazi mizjuda).

"F'Ġunju 2003, fil-perjodu meta l-Irlanda kellha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, intleħaq qbil bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew li tiddaħħal Direttiva li tipprovdi għall-presenza tal-avukat kemm qabel il-pulizija tinterroga lill-persuna suspettata u wkoll waqt l-interrogazzjoni. F'dan ir-rigward il-Ministru tal-Ġustizzja tal-Irlanda qal: "*Procedural rights and the rule of law are at the very heart of justice systems across the EU. We can only be certain of achieving fair and robust judicial decisions where the rights of the accused are adequately protected. This measure is a further step to ensuring common standards in criminal proceedings across the EU. These standards are essential to ensuring mutual trust between Member States and the protection of the rights of all our citizens.*"

"Però fil-każ in eżami s-sentenza tal-Qorti Kriminali li biha r-rikorrent ġie ddikjarat ħati ma kenitx bażata fuq l-istqarrija li ta lill-pulizija izda fuq l-ammissjoni li rreġistra quddiem il-Qorti Kriminali fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2011. Għalhekk ir-rikorrent ma jistax jilmenta li l-istqarrija li ta lill-pulizija fl-20 ta' Ġunju 2006, mingħajr ma kellu l-opportunità li jitkellem ma' avukat, tellfitu mill-opportunità li jkollu smigħ xieraq. Dan apparti li:-

"• fl-ebda stadju tal-proċess kriminali m'oġġezzjona dwar l-ammissibilità tal-istqarrija bħala prova, jew irtira dak li qal, jew qal li kien mhedded biex jagħmilha jew li ġie mwiegħed xi favur;

"• kieku sar il-ġuri l-istqarrija ma kenitx ser tkun l-unika prova kontra r-rikorrent li nstab fil-pussess tad-droga. Dan kien każ fejn il-pulizija waqqfu lir-rikorrent waqt li kien ħiereġ mir-residenza tiegħu. Saret tfittxija fir-residenza u hemmhekk sabu kamra li fiha kienu qegħdin jitkabbru pjanti tal-*cannabis* u f'kamra oħra sabu kaxxa mimlija pjanti tal-*cannabis* nexfin;

"• fl-istadju tal-appell ir-rikorrent baqa' jinsisti li d-droga li nstabet fil-pussess tiegħu kienet għall-użu personali tiegħu. Mela r-rikorrent baqa' jinsisti fil-posizzjoni li d-droga li nstabet hi tiegħu, u allura hu evidenti li rrepeta dak li qal fl-istqarrija. Mela fejn jaqbillu r-rikorrent jagħmel riferenza għal dak li qal lill-pulizija *a tempo vergine* waqt l-investigazzjoni u fejn ma

jogħġbux irid jiskarta l-istqarrija. Posizzjonijiet li huma inkompatibbli ma' xulxin.

"Għaldaqstant l-ilment hu fieragħ.

"2. Avukat tal-għajnuna legali - B'riferenza għall-ilment dwar is-sistema lokali tal-avukat ta' għajnuna legali, il-qorti tosserva:-

"2.1 Id-dritt li l-akkużat ikun assistit minn avukat tal-għajnuna legali jekk m'għandux il-mezzi biex iħallas ma jfissirx dritt assolut li jagħżel min għandu jkun l-avukat li jiddefendih fil-proċess kriminali (ara per eżempju <u>Croissant *v.* Germany</u> deċiza fil-25 ta' Settembru 1992).

"2.2 Li s-sistema attwali tal-avukat tal-għajnuna legali fiha nuqqasijiet li jeħtieġu li jiġu indirizzati hu fatt magħruf. Biżżejjed issir riferenza għar-rapporti tal-Kummissjoni mir-Riforma Ħolistika fil-Qasam tal-Ġustizzja (29 ta' Lulju 2013) fejn ġew proposti xejn inqas minn 97 miżura dwar din il-materja. Waħda mill-miżuri proposti hi proprju li jkun hemm żewġ elenki ta' avukati għall-għajnuna legali għal finijiet ta' speċjalizazzjoni.

"2.3 Mill-provi rriżulta li l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali m'huwiex involut fl-ingaġġ ta' avukati tal-għajnuna legali (ara depos-izzjoni ta' Adrian Tonna uffiċjal fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali). Irriżulta wkoll li l-ħlas lil dawn l-avukati jsir mill-vot tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Ir-rata ta' ħlas hi fissa u m'hijiex iffissata mill-Avukat Ġenerali. Il-qorti fehmet li f'każijiet simili avukat tal-għajnuna legali ma jitħallasx skond il-każ li jkun qiegħed jiddefendi. Il fatt biss li kull tliet xhur avukat tal-għajnuna legali jirċievi ħlas fiss mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ma jfissirx li m'huwiex indipedenti minn dak l-uffiċċju. Madankollu fil-prinċipju jkun ċertament iktar floku li avukat ta' għajnuna legali ma jkollu l-ebda rabta, irrispettivament ta' liema forma tkun, mal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

"2.4 Apparti l-prinċipji, il-qorti trid teżamina l-każ li jkollha quddiemha. Ir-rikorrent ma indika l-ebda ċirkostanza fejn l-Avukat Mompalao seta' naqas fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu jew wera li ma kellux għarfien tal-liġi sabiex jiddefendi lir-rikorrent u li bl-aġir tiegħu ppreġudika l-każ tar-rikorrent. Hu fatt magħruf li l-Avukat Mompalao ilu s-snin jipprattika l-professjoni ta' avukat fil-qrati. Meta xehed spjega li x-xogħol tiegħu hu diversifikat, fis-sens li jaħdem fil-qasam tal-liġi kriminali u ċivili. Dan kif wara kollox jagħmlu ħafna avukati oħra. *Inoltre* mill-atti tal-proċeduri kriminali jiriżulta li l-Avukat Mompalao għamel inqas minn sena jiddefendi lir-rikorrent waqt il-kumpilazzjoni, f'proċess li dam seba' snin biex ingħalaq definittivament. Matul dan il-perjodu m'hemm xejn li jista' jindika li r-rikorrent ġie ppreġudikat fid-difiża tiegħu. Għalkemm missier ir-rikorrent xehed li l-Avukat Mompalao kien infurmah li ma kellux esperjenza f'dan it-tip ta' każ u li fl-

interess ta' ibnu kien tal-fehma li jkun ahjar jekk jinkarigaw avukat ieħor, l-Avukat Mompalao qal li lill-missier ir-rikorrent qatt ma qallu li ma kienx jaħdem fil-qasam tal-liġi kriminali. Spjega kif kien missier Holmes li semma l-possibiltà li jiġi inkarigat avukat li jispeċjalizza fil-liġi kriminali u l-Avukat Mompalao qal li wieġeb lil Mel Holmes li d-deċiżjoni kienet tiegħu. Jissemma wkoll kif matul dak il-perjodu m'hemmx prova li juri li r-rikorrent oġġezzjona li jiġi assistit minn Dr Mompalao jew talab lill-qorti sabiex jiġi assenjat avukat ieħor li qiegħed fl-elenku tal-avukati għall-għajnuna legali.

"3. Id-diskrezzjoni li jgawdi minnha l-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi jekk l-każ għandux jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew quddiem il-Qorti Kriminali, f'liema eventwalità l-piena tista' tkun sa għomor il-ħabs – Dwar din il-materja diġà ngħataw sentenzi minn din il-qorti li applikaw dak li ngħad fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-każ Camilleri *v.* Ellul [*recte*, Camilleri *v.* Malta]. Hekk per eżempju:

"- Joseph Lebrun *v* Avukat Ġenerali (84/2013) u Martin Dimech *v.* Avukat Ġenerali (61/2013) – 21 ta' Frar 2014 ta' din il-qorti kif presjeduta;

"- Repubblika ta' Malta *v.* Matthew Zarb (73/13 TM) – 7 ta' Marzu 2014;

"- Republic of Malta *v.* Ndubisi Ndah Patrick (53/13LSO) – 8 ta' Mejju 2014;

"- Repubblika ta' Malta *v.* Josè Edgar Pena (66/13JPG) – 23 ta' Lulju 2014;

"Però fis-16 ta' Settembru 2014 il-Qorti Kostituzzjonali tat sentenza fil-każijiet ta' Lebrun u Dimech, fejn ikkonkludiet:

"(a) L-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jista' japplika biss fl-eventwalità ta' sejbien ta' ħtija tal-akkużat. Għalhekk ma setax isir paragun mal-każ Camilleri *v.* Malta, "… għax f'dak il-każ ix-xenarju tal-fatti kien differenti fis-sens li l-każ kontra l-applikant kien diġà definittivament magħluq bis-sejbien ta' ħtija tiegħu filwaqt li l-każ odjern il-proċeduri għadhom pendenti u għalhekk l-artikolu 7 huwa f'dan l-istadju inapplikabbli". Il-qorti kompliet li meta l-proċeduri kriminali jkunu għadhom pendenti jkun għad hemm possibilità li l-akkużat ma jinstabx hati jew il-proċeduri ma jitkomplewx. Għalhekk skond il-Qorti Kostituzzjonali l-artikolu 7 ma japplikax fl-stadju li l-proċeduri kriminali għadhom pendenti. F'dan ir-rigward il-Qorti Kostituzzjonali għamlet riferenza għal każ Mirchev and Others *v.* Bulgaria (27 ta' Novembru 2008) u Avukat Josè Herrera *nomine v.* Avukat Ġenerali (13 ta' April 2011).

"(b) L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax: "Id-dritt tas-smigħ xieraq li għandu kull akkużat mhux preġudikat bil-provvediment tal-artikolu 22(2), u, darba nħarġet akkuża, il-proċess ġudizzjarju hu protett bil-liġi li jiggarantixxi smigħ xieraq għall-

akkużat". Il-qorti għamlet riferenza għas-sentenza tagħha fil-każ Godfrey Ellul *v.* Avukat Ġenerali, 27 ta' April 2006, fejn osservat li mkien fl-artikolu 6: "… ma tingħata garanzija illi l-prosekutur m'għandux ikollu diskrezzjoni bħal dik mogħtija lill-Avukat Ġenerali fl-artikolu 22(2) tal-Kap. 101". Il-qorti qablet mat-teżi li d-diskrezzjoni li jgawdi minnha l-Avukat Ġenerali bl-ebda mod ma tinċidi fuq l-indipendenza tal-qorti.

"Fil-każ in eżami Holmes instab ħati tal-akkużi kollha wara li ammetta. Mela għandna xenarju differenti mill-każijiet fuq ċitati fejn il-proċeduri kriminali għadhom pendenti.

"Il-każ Camilleri *v.* Malta (42931/10) deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-22 ta' Jannar 2013 kien jitratta l-artikolu 120(A)(2) tal-*Medical and Kindred Professions Ordinance* (Kap. 31), li jagħti lill-Avukat Ġenerali l-istess diskrezzjoni li jagħtih l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101. Hu l-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi quddiem liema qorti għandu jinstema' l-każ. Il-qorti kkonkludiet: "*the Court concludes that the relevant legal provision failed to satisfy the foreseeability requirement and provide effective safeguards against arbitrary punishment as provided in Article 7*". Il-qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-fatt li:-

"[a] l-akkużat isir jaf liema "*punishment bracket*" japplika għalih meta jiġi akkużat mill-Avukat Ġenerali. Invididwu għandu jkun jaf mil-liġi, u jekk hemm bżonn bl-assistenza ta' inter-pretazzjoni mill-qorti, x'piena jista' jeħel f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Il-qorti kkonkludiet li r-rikorrent sar jaf "*the punishment bracket applied to him only when he was charged, namely after the decision of the Attorney General determining the court where he was to be tried*". Saħansitra meta jitressaq il-qorti f'dawk il-każijiet fejn hemm dikjarazzjoni tal-Avukat Ġenerali li l-imputat għandu jiġi ġġudikat minn Qorti Kriminali, fl-istadju tal-kumpilazzjoni jista' jibdel id-deċiżjoni u jiddeċiedi li l-każ għandu jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati. Fatt li jkompli juri l-istat ta' inċertezza u nuqqas tar-rekwiżit ta' *foreseeability*. Jekk wieħed jeżamina l-informazzjoni li ż-żewġ partijiet ippreżentaw dwar każijiet oħra li kienu jinvolvu akkużi relatati mal-*cannabis*, japprezza aħjar dak li qalet il-Qorti Ewropea.

"[b] Id-deċiżjoni fejn ser isir il-proċess kriminali, "*was solely dependent on the prosecutor's discretion to determine the trial court*" (§42). Bħala eżempju l-qorti għamlet riferenza għal żewġ każijiet fejn il-kwantità tad-droga kienet l-istess u kienu dwar tnejn min-nies akkużati bl-istess reat, iżda fejn wieħed ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali u l-ieħor quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-piena karċerarja kienet differenti.

"[ċ] Il-kriterji li fuqhom jeżerċita d-diskrezzjoni l-Avukat Ġenerali m'humiex speċifikati f'liġi u wisq inqas ma kienu soġġetti għal kjarifiki mill-qrati Maltin: "*The law did not provide for any*

*guidance on what would amount to a serious offence or a less serious one (based on enumerated factors and criteria) … Thus, the law did not determine with any degree of precision the circumstances in which a particular punishment bracket applied*" (§43).

"[d] Fir-realtà huwa l-Avukat Ġenerali li b'diskrezzjoni assoluta qiegħed jagħżel liema "*punishment bracket*" għandu japplika għall-akkużat: "*An insoluble problem was posed by fixing different minimum penalties. The Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness*" (§43).

"Is-sentenza ta' Camilleri *v.* Malta hi finali. Jidher li l-Istat aċċetta l-konklużjoni tal-qorti tant li emenda l-liġi (Att XXIV tal-2014). Din il-qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dak li diħà qalet fis-sentenzi ta' Lebrun u Dimech. Għal dak li jirrigwarda rimedju, tagħmel riferenza għal dak li qalet il-qorti fil-każ ta' Camilleri *v.* Malta:

""*the Court cannot speculate as to the tribunal to which the applicant would have been committed for trial had the law satisfied the requirement of foreseeability. Indeed, the present case does not concern the imposition of a heavier sentence than that which was applicable at the time of the commission of the criminal offence or the denial of the benefit of a provision prescribing a more lenient penalty which came into force after the commission of the offence … and therefore the Court does not consider it necessary to indicate any specific measure*."

"Fil-każ in eżami l-piena li ngħatat lir-rikorrent kienet taqa' fil-parametri kontemplati mil-liġi: liġi li kienet teżisti qabel twettaq ir-reat. Għal dak li jikkonċerna l-ilment bażat fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi fuq imsemmija għamlitha ċara li d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi quddiem liema qorti l-akkużat għandu jiġi ġġudikat, ma twassalx għal ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni. Fis-sentenza ta' Camilleri *v.* Malta l-Imhallef Kalaydjieva f'opinjoni separata, qalet:-

""*In my view these go far beyond Article 7 and raise important issues of **equality of the parties in criminal proceedings and the potential infringement of the independence and scope of the courts' competence, as a result of the statutory privilege of one of those parties, beyond the pre-trial stage of criminal proceedings, to interfere with the court's competence to determine the outcome of the proceedings**. I regret the majority's view that "having regard to the finding relating to Article 7 it is not necessary to examine whether there has also been a violation of Article 6" as initially complained"* (enfażi miżjuda).

"Il-konsiderazzjonijiet li għamlet din il-qorti fil-każijiet Lebrun u Dimech ma jibqgħux rilevanti għal dan il-każ meta tqis li mis-sentenza tal-Qorti Kriminali hu evidenti li dan ma kienx każ fejn il-qorti kkonkludiet li kellha tapplika l-piena minima.

"4. Ilment relatat ma' allegat nuqqas ta' osservanza tal-proċedura (artikolu 432 tal-Kodiċi Kriminali) – Dan l-ilment kellu jitqajjem fil-kors tal-proċeduri kriminali u mhux wara. Proċeduri ta' din ix-xorta ma jsirux sabiex il-każ jinfetaħ mill-ġdid. F'kull każ fil-verbal tal-21 ta' Ottubru 2008 jingħad ċar u tond: "*The Prosecuting Officer read out the charges and confirmed the same on oath*". Il-qorti ma tifhimx x'dokumenti huma li r-rikorrent qiegħed igħid li huma neqsin. Dak li jingħad fil-verbal hu prova fih innifsu ta' dak li seħħ waqt is-seduta. Ir-rapport tal-pulizija kien diġà jinsab fl-atti u l-partijiet għamlu dikjarazzjoni li jaqblu li "… *the evidence brought before the court and the witnesses which have been heard so far need not be produced again and are valid for these proceedings according to law*". Dikjarazzjoni li saret fi żmien meta r-rikorrent kien assistit minn avukat li għażel hu stess.

"5. Fl-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 il-frazi "*includes cultivation*" għandha tigi interpretata li ma tinkludix kultivar għall-użu personali – ilment ieħor bla bażi. Jidher li għal mument ir-rikorrent nesa li hu ammetta l-akkużi li nġiebu kontra tiegħu. Akkużi li kienu jinkludu li huwa kien fil-pussess tad-droga *cannabis* bl-intenzjoni li jittraffika u li tali pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. Għalhekk ta' xejn li r-rikorrent jibqa' jipprova jiggranfa mat-teżi li hu kkultiva l-*cannabis* għall-użu personali tiegħu. Teżi li volontarjament abbanduna mal-ammissjoni tal-akkużi. Hu veru li fl-istqarrija li ta lill-pulizija fid-19 ta' Ġunju 2006 kien qal li d-droga kienet għall-użu personali tiegħu, però bl-ammissjoni li rreġistra fil-21 ta' Novembru 2011 biddel il-posizzjoni li oriġinarjament ħa. Għalhekk m'għandux bażi biex jilmenta dwar l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101.

"6. Il-piena li ngħata r-rikorrent – f'nota ta' sottomissjonijiet li r-rikorrent ippreżenta fil-15 ta' Lulju 2014 għamel riferenza għal 15-il każ fejn f'kull każ l-akkużat kien akkużat b'pussess ta' kwantità ta' droga ferm iktar milli kellu r-rikorrent, u l-piena ta' priġunerija ma kenitx iebsa daqs dik li ngħata r-rikorrent. F'dan ir-rigward ir-rikorrent jallega diskriminazzjoni. Fir-rikors promotur għamel ukoll riferenza għal erba' każijiet fejn l-ammont tad-droga kien id-doppju dak li nstab fil-pussess tar-rikorrent u l-Avukat Ġenerali ddeċieda li l-każ għandu jinstema' u jigi deċiż quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Ir-rikorrent jilmenta li dawn il-persuni ġew trattati b'mod differenti mir-rikorrent u għalhekk ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrent taħt l-artikolu 6, 7(1) u 14 tal-Konvenzjoni.

"Rigward dan l-ilment il-qorti tosserva:-

"6.1 il-piena li ngħatat lir-rikorrent taqa' fil-parametri tal-liġi;

"6.2 hi l-liġi stess li tagħti l-poter lill-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi quddiem liema qorti għandu jinstema' u jiġi deċiż il-każ

(artikolu 22(2) tal-Kap. 101). Taħt dan l-ilment ir-rikorrent m'huwiex jimpunja l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 iżda d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li filwaqt li fil-każ ta' persuni oħra ddeċieda li għandhom jiġu ġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati, fil-każ tar-rikorrent ordna li l-każ tiegħu jsir quddiem il-Qorti Kriminali;

"6.3 fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea hu stabbilit li:-"*... only differences in treatment based on an **identifiable characteristic, or "status"**, are capable of amounting to discrimination within the meaning of Article 14 (<u>Carson and Others v. the United Kingdom</u> [GC], no. 42184/05, § 61, ECHR 2010). "Religion" is specifically mentioned in the text of Article 14 as a prohibited ground of discrimination (<u>Eweida et v. United Kingdom</u>, 15 ta' Jannar 2014)*" [enfażi miżjuda]. F'dan il-każ ir-rikorrent ma identifika l-ebda "*identifiable characteristic*" li suppost wassal għal dan l-allegat diskriminazzjoni.

"6.4 Fir-rigward tal-piena li ngħatat lir-rikorrent, fir-realtà l-ilment tar-rikorrent hu li s-sitwazzjoni attwali tal-liġi lokali qiegħda tagħti lok għal *sentencing disparity*, *cioè* għal każijiet fejn il-qorti tagħti piena differenti f'każijiet li jkunu simili għal xulxin. Dan m'għandu x'jaqsam xejn mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni li jiggarantixxi li d-drittijiet garantiti fil-Konvenzjoni għandhom jiġu assigurati bla diskriminazzjoni għal kwalsiasi raguni bħal razza, kulur, lingwa, reliġjon, u opinjoni politika. Skond statistika li pprezentaw l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija (*foll*. 62-79) dwar każijiet oħra ta' pussess u traffikar ta' droga *cannabis*, *prima facie* tidher disparità fil-piena bejn każ u ieħor jekk wieħed kellu jibbaża ruħu biss fuq il-kwantità ta' droga *cannabis* involuta fil-każijiet. Però l-kwantità tad-droga m'hijiex l-uniku fattur li l-qorti tikkunsidra meta tagħti l-piena. Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali fis-sentenza tal-24 ta' Novembru 2011: "*The Court considered many other cases where a guilty plea was filed or where no guilty plea was filed, and where the amount of cannabis involved was substantial. **But cases may be similar but not necessarily identical. The amount of drugs indicated in a particular bill of indictment may be very close but from then on each case has its own story***" (enfażi miżjuda).

"7. Dewmien mhux raġonevoli – wara li l-qorti rat l-atti tal-proċess kriminali m'għandhiex dubju li kien hemm dewmien eżagerat. Fil-qosor:-

"7.1 Fil-21 ta' Ġunju 2006 ir-rikorrent tressaq il-qorti;

"7.2 Fl-20 ta' Lulju 2006 il-qorti tat digriet fejn qalet li wara l-għeluq tal-kumpilazzjoni tal-provi, hemm raġunijiet suffiċjenti biex jinħareġ att ta' akkuża kontra r-rikorrent. Minn hemm beda l-*ping pong* tas-soltu bejn l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

u l-qorti permezz tar-rinvji li jsiru skond l-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali;

"7.3 Fid-9 ta' Novembru 2006 il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-aħħar xhud li kellha kien l-avukat Dr Steven Farrugia Sacco;

"7.4 Fil-25 ta' Jannar 2007 xehed l-avukat Farrugia Sacco;

"7.5 B'nota tal-1 ta' Marzu 2007 l-Avukat Ġenerali talab li l-qorti taħtar espert sabiex jagħmel stima tad-drogi li kienu ġew eżaminati mill-espert tal-kimika Godwin Sammut. Fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2007 il-qorti nnominat lill-Ispiżjar Mario Mifsud;

"7.6 Fid-19 ta' April 2007 l-espert ippreżenta r-rapport;

"7.7 Fl-24 ta' Mejju 2007 l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti Kriminali sabiex ittawwal iż-żmien għal preżentata tal-att ta' akkuża bi 15-il ġurnata oħra. B'digriet tal-25 ta' Mejju 2007 il-qorti laqgħet it-talba;

"7.8 Fit-28 ta' Mejju 2007 l-Avukat Ġenerali talab li l-kumpilazzjoni ssir mill-ġdid peress li ma kienx ingħata digriet mill-qorti li l-proċeduri jsiru bl-ingliż. Fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2008 il-partijiet iddikjaraw li: *"… the evidence brought before the Court and the witnesses which have been heard so far need not be produced once again and are valid for these proceedings according to law*".

"7.9 Minkejja dak li l-prosekuzzjoni ddikjarat fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2006, mill-atti jirriżulta li baqgħet ittella' provi oħra bħal Denise Formosa Gruppetta (11.9.2008), George Cremona u Grazienne Spagnol (3.9.2009). Saħansitra kien biss fid-19 ta' Novembru 2008 li l-Avukat Ġenerali talab lill-qorti biex tinnomina perit biex jagħmel pjanta tal-fond fejn instabet id-droga u persuna biex tagħmel riċerka u tippreżenta rapport dwar il-ġid li għandu Holmes.

"7.10 Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2009 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex iktar provi. Madankollu permezz ta' nota tal-25 ta' Novembru 2009 l-Avukat Ġenerali talab li jixhed l-ispettur Pierre Grech, li fil-fatt xehed fis-seduta fis-26 ta' Novembru 2009.

"7.11 Fit-18 ta' Jannar 2010 inhareg l-att ta' akkuża.

"Il-proċess li sar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja fih innifsu jwassal lill-qorti sabiex tikkonkludi li kien hemm dewmien eżaġerat. Dan ma kienx każ kumplikat fejn kien hemm bżonn dak iż-żmien kollu biex jinġabru l-provi. Hu veru li inizjalment kien hemm akkużat ieħor mar-rikorrent, però ma ntweriet l-ebda raġuni għalfejn dan il-fatt seta' jiġġustifika dewmien. Eventwalment fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2008 il-qorti ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju. Madankollu xorta kellha tgħaddi iktar minn sena sakemm il-prosekuzzjoni għalqet mill-provi. Għall-qorti hu inaċċettabbli l-mod imqanżaħ kif il-

prosekuzzjoni ressqet il-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja. Biżżejjed jingħad kif per eżempju fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2006 il-prosekuzzjoni qalet li kien fadal xhud wieħed u spiċċaw nstemgħu iktar xhieda fuq perjodu ta' tliet snin oħra. Hekk ukoll fid-19 ta' April 2007 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex iktar provi xi tressaq, u minkejja dan baqgħu jintbagħatu r-rinvji mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, sabiex jinstemgħu iktar xhieda. Minn dakinhar saru iktar seduti biex xehedu:

“i. l-Ispiżjar Mario Mifsud (4 ta' Diċembru 2007);

“ii. PC 1348 Joseph Campbell u l-Ispettur Pierre Grech (8 ta' April 2008) li kienu diġà xehdu. Dakinhar xehed ukoll Anton Mizzi fejn ikkonferma li għamel it-traduzzjoni tad-dokumenti mill-Malti għall-Ingliż;

“iii. Denise Formosa Gruppetta (11 ta' Settebru 2008) li kkonfermat li ma kenitx għadha taħdem mal-*Vodafone*;

“iv. Perit Guido Vella li ppreżenta pjanta tal-fond fejn instabet id-droga (26 ta' Frar 2009), u l-avukat Dr Justyne Caruana li ppreżentat rapport dwar ir-riċerka li għamlet fuq il-ġid li għandu r-rikorrent f'Malta (26 ta' Frar 2009). Fil-fehma tal-qorti t-talba għan-nomina tal-perit biex jagħmel pjanta tal-fond fejn instabet id-droga u ta' avukat biex jagħmel riċerka dwar il-ġid li għandu Holmes f'Malta, kellha ssir ferm qabel;

“v. Godwin Sammut (19 ta' Mejju 2009) meta ppreżenta rapport addizzjonali biex jindika l-affarijiet li nstabu fir-residenza tar-rikorrent biss, peress li oriġinarjament kien hemm żewġ ko-akkużati. Imbagħad reġa' xehed fit-3 ta' Settembru 2009 meta ppreżenta kopja oħra tar-rapport, din id-darba bl-Ingliż;

“vi. Brian Farrugia (30 ta' Ġunju 2009) biex sempliċement ikkonferma l-kontenut ta' ittra tiegħu datata 15 ta' Jannar 2009 fejn jingħad li r-rikorrent m'għandux vetturi reġistrati f'ismu;

“vii. George Cremona u Grazienne Spagnol (3 ta' Settembru 2009). Xhieda li kull ma għamlu hu li fil-każ ta' Spagnol ikkonfermat dak li jingħad f'ittra tat-22 ta' Jannar 2009 iffirmata minnha stess, li l-akkużat ma kellux depożiti fil-*Bank of Valletta plc*. Fil-każ tax-xhud Cremona kkonferma l-kontenut ta' ittra tiegħu datata 19 ta' Jannar 2009, li r-rikorrent kien qiegħed jiriċievi għajnuna soċjali;

“viii. Spettur Pierre Grech (26 ta' Novembru 2009) biex kull ma qal kien li d-data fir-rapport *a foll*. 50 u 52 kellha taqra 19 ta' Ġunju 2006 u mhux 16 ta' Frar 2006. Haġa ovvja ġjaladarba fil-parti ta' fuq tar-rapport id-data hi 19 ta' Ġunju 2006. Eżempju ta' iktar ħela ta' żmien bla bżonn;

“Il-mod kif tressqu l-provi wassal għal dewmien bla bżonn, dewmien li l-qorti ma tistax timputa lir-rikorrent. Dan apparti d-

dewmien ta' kważi sentejn mid-data tal-preżentata tal-att ta' akkuża (18 ta' Jannar 2010) sad-data li fiha r-rikorrent deher quddiem il-Qorti Kriminali, wara li fid-9 ta' Diċembru 2010 il-każ ġie differit *sine die*, u l-każ ġie differit sabiex il-partijiet jitkellmu dwar il-possibilità li l-akkużat jirreġistra ammissjoni.

"Dewmien li hu riżultat ta':-

"i. Ftit li xejn poter li għandha l-qorti istruttorja biex tikkontrolla l-mod u r-ritmu li bih jinġabru l-provi tal-prosekuzzjoni fl-istadju tal-kumpilazzjoni. Pjuttost tista' tgħid li l-kontroll qiegħed f'idejn l-Avukat Ġenerali.

"ii. Hu evidenti li l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali stess hu *under staffed* u minkejja l-avukati jagħmlu ħilithom biex jipprovaw ileħħqu. F'każ bħal dan l-impressjoni li tieħu l-qorti hu li kemm-il darba rinviju jsir biex ikun sar fit-terminu kontemplat mil-liġi u mbagħad wieħed jara wara (*better safe than sorry*).

"iii. Volum ta' kawżi li jrid jisma' u jiddeċiedi ġudikant. Jekk il-ġudikant ser jibqa' mgħobbi kif inhu b'mijiet ta' kawżi u fl-istess ħin jibqa' jirċievi kawżi ġodda, apparti xogħol ieħor, ser jibqa' jkollna każijiet bħal dan. F'xenarju simili m'huwiex possibbli li f'kull każ jiġi garantit smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Din hi r-realtà, isiru kemm isiru emendi fil-liġi tal-proċedura u inizjattivi oħra fil-qasam amministrattiv tal-qorti.

"Dewmien li fih innifsu qiegħed iwassal sabiex din il-qorti kontinwament tiġi rinfaċċjata b'kawżi simili fejn biex tasal għal deċiżjoni jkollha toqgħod teżamina volumi ta' atti li jkunu nġabru matul is-snin li fih innifsu jieħu ż-żmien.

"Hu l-istat li għandu l-obbligu li jindirizza dawn in-nuqqasijiet u għaldaqstant irid iwieġeb għal dewmien żejjed fil-proċeduri ġudizzjarji. Wara li l-qorti rat l-atti tal-proċeduri kriminali tasal għal konklużjoni li l-każ tar-rikorrent ma kellux jieħu dawk is-snin kollha biex jiġi deċiż definittivament. Dan apparti li mill-atti tal-proċeduri kriminali ma jirriżultax li r-rikorrent kellu xi ħtija għalfejn il-każ dam daqshekk. F'ħajja ta' bniedem seba' snin huma ħafna. Seba' snin ta' inċertezza tiela' u nieżel il-qorti għas-seduti, għaliex dik hi s-sistema. Dewmien f'kull xorta ta' proċeduri ġudizzjarji timmina l-ġustizzja, iżda dewmien fi proċeduri kriminali, fejn il-libertà tal-bniedem hi in diskussjoni, m'għandux jigi tollerat. Wieħed irid jiftakar ukoll li r-rikorrent hu barrani u mill-provi hu evidenti li ma għandu l-ebda rabta ma' Malta. Din iċ-ċirkostanza tkompli tiggrava s-sitwazzjoni.

"8. Appell quddiem qorti tat-tielet grad – L-artikoli 6 u 39 tal-Kostituzzjoni ma jiggarantixxu l-ebda dritt li akkużat ikollu xi rimedju quddiem qorti tat-tielet grad wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Ċertament li f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha tiddetermina jekk il-piena li ngħata r-rikorrent kenitx ġusta jew kellhiex tnaqqas il-piena. Dak kien l-eżerċizzju tad-*doppio esame* li kellu jsir u sar. Mis-sentenza hu evidenti li l-

> Qorti tal-Appell Kriminali indirizzat l-ilmenti tar-rikorrent u waslet għal konklużjoni tagħha. M'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tistħarreġ il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali meta kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali."

6. Minn din is-sentenza appella l-Avukat Ġenerali b'rikors tal-20 ta' Ottubru 2014 u appella wkoll l-attur b'rikors tat-22 ta' Ottubru 2014 li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fit-3 ta' Novembru 2014. L-attur ma weġibx għall-appell tal-Avukat Ġenerali.

7. L-appell tal-Avukat Ġenerali jolqot dawk il-partijiet tas-sentenza fejn l-ewwel qorti: (i) iddikjarat illi nkiser il-jedd tal-attur għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli; (ii) iddikjarat illi l-art. 22(1) [*recte*, 22(2)] tal-Kap. 101 jikser id-dritt imħares taħt l-art. 7 tal-Konvenzjoni; u (iii) ikkundannat lill-Avukat Ġenerali jħallas bħala kumpens is-somma ta' sebat elef euro (€7,000).

8. L-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar l-art. 22(2) tal-Kap. 101. Fiż-żmien relevanti l-art. 22(2) kien igħid hekk:

> "(2) Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond kif jordna l-Avukat Ġenerali ... ... ..."

9. Din l-ordni tal-Avukat Ġenerali kienet insindakabbli u torbot lill-qorti, u l-massimu u l-minimu tal-piena kienu ogħla fil-każ illi l-Avukat Ġenerali jagħżel illi l-akkużat jintbagħat quddiem il-Qorti Kriminali milli jekk

jagħżel li jintbagħat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. L-ewwel qorti sabet illi din is-setgħa tal-Avukat Ġenerali tikser il-jedd imħares taħt l-art. 7 tal-Konvenzjoni li fil-parti relevanti tiegħu jgħid hekk:

> "(1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar."

10. L-Avukat Ġenerali fl-ewwel aggravju tiegħu jgħid illi s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ Camilleri *v.* Malta[2], li fuqha straħet l-ewwel qorti biex sabet ksur tal-art. 7, "wessgħet aktar milli kien imiss il-protezzjoni li hija maħsuba taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni" u għalhekk stieden lil din il-qorti biex ma toqgħodx fuqha. Fisser hekk ir-raġunijiet għala huwa tal-fehma illi l-interpretazzjoni mogħtija fil-każ ta' Camilleri, u għalhekk ukoll fis-sentenza appellata, hija ħażina:

> "... ... ... kif anke ġie sintetizzat mis-sentenza appellata, il-Qorti Ewropea waslet għall-konklużjoni li d-diskrezzjoni mogħtija bil-liġi lill-Avukat Ġenerali fi proċeduri dwar reati marbuta mad-droga ma tħarisx il-prinċipju tal-prevedibilità għaliex:
>
> "i. il-*punishment bracket* jiġi magħruf biss meta l-Avukat Ġenerali jiddeċiedi fejn ħa jixli lill-akkużat;
>
> "ii. l-għazla tal-*forum* hija mħollija fid-diskrezzjoni assoluta tal-Avukat Ġenerali; u
>
> "iii. l-Avukat Ġenerali ma kellux kriterji fissi bil-liġi fuq xiex seta' jsejjes id-diskrezzjoni tiegħu.
>
> "Illi dwar l-ewwel punt ma hemmx dubju li l-parametri tal-piena b'rabta mat-traffikar u ċ-ċirkolazzjoni tad-droga jinsabu sew delineati fl-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tar-Liġijiet ta' Malta u *cioè* bejn sitt xhur priġunerija

[2] 22 ta' Jannar 2013, rik. 42931/2010.

u għomor il-ħabs skond fejn l-akkużat jiġi mixli mill-Avukat Ġenerali. Jiġifieri kull min jitħajjar li jwettaq reat marbut mat-traffikar u l-kultivazzjoni tad-droga jaf jew messu jkun jaf li skont il-liġi Maltija huwa jista' jirriskja f'każ ta' sejbien ta' ħtija piena ta' ħabs li tista' tvarja bejn is-sitt xhur u l-għomor il-ħabs, skont quddiem liema qorti jiġi mressaq. Hekk ukoll, kull min għandu l-ħsieb li jinvolvi ruħu fit-traffikar u l-kultivazzioni tad-droga jaf jew messu jkun jaf li l-għażla tal-*forum* hija mħollija fid-diskrezzjoni prudenzjali tal-Avukat Ġenerali. Minn din il-lenti allura l-parametri tal-piena li wieħed jista' jeħel jekk jinqabad jittraffika jew jimporta d-drogi f'Malta huma mniżżla b'mod ċar fil-liġi;

"Issa fil-każ inkwistjoni Holmes sar jaf li kien ħa jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali fil-jum stess li tressaq għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati minħabba li dakinhar stess l-uffiċjal prosekutur kien ippreżenta l-ordni tal-Avukat Ġenerali. Jiġifieri Holmes kien jaf bil-*punishment bracket* mal-mument li huwa ġie mressaq quddiem il-qrati;

"Però d-diffikoltà misjuba mill-Qorti Ewropea u anke mill-ewwel onorabbli qorti tikkonċerna l-fatt li l-*punishment bracket* jiġi magħruf biss malli xi ħadd jiġi akkużat u mhux qabel. Fis-sewwa l-esponent qajla jista' jifhem din il-perplessità kollha għaliex f'kull każ kriminali l-*punishment bracket* ikun jista' jiġi stabbilit biss malli jinħarġu l-akkużi. Tabilħaqq qabel ma jinħarġu l-akkużi ħadd ma jista' jkun jaf x'piena jista' jeħel. Kollox jiddependi fuq in-natura tal-akkużi li jinħarġu mill-prosekuzzjoni;

"Hekk per eżempju jekk ikollok każ fejn persuna intenzjonalment tħebb u tweġġa' serjament persuna oħra, il-*punishment bracket* tiddependi fuq jekk il-prosekuzzjoni toħroġx akkuża ta' attentat [*recte*, tentativ] ta' qtil jew akkuża ta' offiża gravi. Kemm fil-każ ta' [tentativ] ta' qtil u kemm fil-każ ta' offiża gravi l-*punishment bracket* huwa ben definit fil-liġi. Madankollu l-akkużat isir jaf eżattament x'qed jirriskja bħala piena malli tinħariġlu l-akkuża;

"L-istess jiġi fil-każijiet ta' reati sesswali. Il-*punishment bracket* tvarja skont jekk persuna tiġix akkużatq b'[tentativ] ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti għall-pudur. Għalhekk sakemm tinħareġ l-akkuża persuna ma tkunx taf eżattament x'tista' teħel. B'daqshekk però ma jfissirx li hemm imprevedibiltà fil-piena bi ksur tar-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea;

"Persuna li bi ħsiebha twettaq reat tista' tassumi li jekk hi ħa tibqa' għaddejja bil-pjan kriminali tagħha hija potenzjalment tista' tesponi ruħha għal ċertu akkużi kriminali identifikabbli bil-liġi u b'hekk tkun soġġetta għall-parametri tar-piena li jkunu attribwibbli għal dawk ir-reati. Madankollu l-istess persuna ma tistax tippretendi li tkun taf minn qabel kif sejier iġib ruħu l-prosekutur fil-konfront tiegħu u partikolarment x'akkużi ħa joħroġ kontra tiegħu jekk kemm-il darba l-prosekutur jiddeċiedi li joħroġhom. Wisq loġikament kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi li jkunu magħrufa lill-prosekutur u kif ukoll mill-evidenza li tkun inġiebet għall-attenzjoni tiegħu;

"... ... ...

> "Issa bħalma l-Avukat Ġenerali għandu l-jedd li jagħżel hu b'liema akkużi jixli lill-akkużat (ara Anthony Bugeja *v.* Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali tat-3 ta' Frar 2014) daqstant ieħor l-Avukat Ġenerali għandu jkollu l-jedd wara li jqis is-severità u l-fattispeċji tal-każ li jiddeċiedi quddiem liema qorti huwa għandu jixli lill-akkużat f'każi relatati mat-traffikar tad-drogi. F'dan is-sens il-liġi tad-droga ma għandhiex tiġi ridimensjonata bħala xi forma ta' *menu*, li permezz tagħha persuna mħajra li twettaq reat jkollha l-imbarazz tal-għażla dwar il-mod kif hija għandha twettaq l-istess reat. Fis-sewwa l-akkużat ma għandu l-ebda jedd fundamentali li jagħżel il-piena tiegħu. Dan il-kompitu huwa mħolli fid-diskrezzjoni prudenzjali tal-qrati;"

11. Il-qorti ma tistax tiċħad il-qawwa tal-argument elokwenti mressaq mill-Avukat Ġenerali li essenzjalment huwa appell biex min jiġġudika ma jinqatax mir-realtà tal-ħajja u, minflok, jintilef f'finzjonijiet u astrazzjonijiet li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-veritajiet li jħabbat wiċċu magħhom min jikkombatti d-delinkwenza fid-dinja reali. Fil-verità, liema delinkwent, qabel ma jwettaq il-ħsieb tiegħu, jikkonsulta l-*menu* u l-*listino prezzi* tar-reati biex igħid li dan it-tali reat jista' jwaħħlu sa għaxar snin ħabs u għalhekk huwa "għali" wisq waqt li t-tali reat ieħor li jista' jwaħħlu biss sa ħames snin *vale la pena* li jidħol għalih għax għandu ħames snin x'jonfoq? Hekk jiġri fid-dinja reali?

12. Barra minn hekk, sewwa jgħid l-Avukat Ġenerali illi kieku l-attur ikkonsulta l-liġi qabel ma qatagħha li jiksirha kien ikun jaf illi seta' jeħel minn sitt xhur sa għomru priġunerija. Setgħet il-liġi flok tagħti għażla ta' *forum* tidentifika minn qabel *forum* wieħed, bla ma tagħti setgħa ta' għażla lill-Avukat Ġenerali, u tgħid illi l-minimu tal-piena huwa ta' sitt xhur u l-massimu huwa għomor priġunerija: ir-riżultat kien ikun l-istess; l-elementi tar-reat ma jkunux b'hekk magħrufa aktar u aħjar

milli huma magħrufa issa u l-massimu u l-minimu tal-piena ma jkunux b'hekk magħrufa aktar u aħjar mill-huma magħrufa issa.

13. Madankollu, l-argument tal-Avukat Ġenerali ma huwiex għalkollox sħiħ, għax l-għażla li għandha l-prosekuzzjoni tal-akkuża li biha tixli lill-akkużat, u li jista' jkollha effett fuq il-piena, ma hijiex l-istess bħall-għażla tal-parametri tal-piena għall-istess akkuża, bħal ma huwa l-każ taħt l-art. 22(2) tal-Kap. 101. Il-liġi tagħti parametri wesgħin għall-għażla tal-piena biex il-qorti tkun tista' tagħti l-piena li tixraq għall-każ partikolari. Iżda din l-għażla, kif wara kollox jistqarr l-Avukat Ġenerali stess, għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni tal-qorti u mhux, bħal ma kien jiġri taħt l-art. 22(2) fiż-żmien relevanti, tkun limitata bis-setgħa tal-Avukat Ġenerali li jagħżel il-*forum*.

14. Dan il-fatt iżda jolqot il-prevedibilità li jrid l-art. 7 tal-Konvenzjoni? L-Avukat Ġenerali jwieġeb hekk:

> "Dan iġibna għall-punt kruċjali li fil-verità l-kunċett tal-prevedibilità msawwab fl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni ma jgħoddx wisq fejn għandu x'jaqsam mal-parametri tal-piena iżda jgħodd l-aktar fuq l-elementi materjali u formali tar-reat. Huwa appuntu fejn jikkonċerna l-elementi tar-reat li għandu jkun hemm ċertezza u prevedibilità biex persuna tkun taf liema hija dik l-imġieba li tista' twassal għal reat u liema le. Dan huwa rifless ukoll fl-ewwel parti tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea meta jgħid li ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar;
>
> "Jiġifieri jekk l-għemil ma jkunx ġie klassifikat bħala reat taħt il-ligi jew inkella ma jkunx ċar mil-liġi li dak l-għemil partikolari jikkostitwixxi reat allura persuna ma tistax tiġi misjuba ħatja minħabba dak l-għemil. Huwa f'dan il-kwadru li l-kunċett ta' prevedibilità jidħol fix-xena;

> "Darba li r-reat huwa identifikabbli allura skont it-tieni parti tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea persuna misjuba ħatja ta' dak ir-reat ma għandhiex tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar. Hawnhekk m'għandniex aktar kwistjoni ta' prevedibilità għaliex il-piena għandha tkun dik li tistipula l-liġi għal dak ir-reat partikolari, b'dana li jekk il-ġudikant jagħti piena aktar ħarxa allura jkun hemm vjolazzjoni ta' dan l-artikolu. ... ... ..."

15. Tassew, it-tifsira litterali tal-art. 7 hija kif qiegħed igħid l-Avukat Ġenerali: il-liġi trid tkun ċara dwar x'inhuma l-atti jew ommissjonijiet li jikkostitwixxu reat, u għal dak ir-reat ma tistax tingħata piena akbar minn kemm tgħid il-liġi. Fil-każ tallum l-atti li wettaq l-attur kienu jikkostitwixxu reat taħt il-liġi u, wara li nstab ħati, il-piena li ngħata ma kinitx akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat sar.

16. Fl-interpretazzjoni tal-qorti ta' Strasburgu, iżda, l-element ta' prevedibilità huwa meħtieġ mhux biss għal dak li jikkostitwixxi r-reat u l-ogħla piena li tista' tingħata, iżda wkoll – għall-inqas bejn wieħed u ieħor – għall-*quantum* tal-piena. Hekk, fis-sentenza ta' <u>Camilleri</u> dik il-qorti kienet osservat illi:

> "35. ... ... ... An individual must know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable and what penalty will be imposed for the act and/or omission committed."

17. Din tista' forsi titqies bħala interpretazzjoni "evolutiva" tal-Konvenzjoni, biex ma nsejħulhiex leġislazzjoni minn organu ġudizzjarju, u ma hemm xejn ħażin illi fl-interess tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem dawk id-drittijiet jingħataw l-usa' interpretazzjoni, sakemm dak li b'hekk

jissaħħaħ ikun tassew il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u mhux il-ħarsien tal-interessi tad-delinkwenza.

18. Fil-każ tallum, bħal fil-każ ta’ Camilleri, ma hemmx kwistjoni (bla ħsara għal dak li sejjer jingħad ’il quddiem fil-kuntest tal-appell tal-attur) dwar il-prevedibilità ta’ x’jikkostitwixxi r-reat. Dan qalitu wkoll il-Qorti Ewropea dwar l-art. 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha [Kap. 31], disposizzjoni analoga għal dik tal-art. 22(2) tal-Kap. 101, iżda l-qorti osservat ukoll illi ma huwiex biżżejjed illi jkun prevedibbli biss x’jikkostitwixxi r-reat u x’inhu l-massimu tal-piena:

> “40. The Court finds that the provision in question does not give rise to any ambiguity or lack of clarity as to its content in respect of what actions were criminal and constituted the relevant offence. The Court further notes that there is no doubt that section 120A(2) of the Medical and Kindred Professions Ordinance provided for the punishment applicable in respect of the offence with which the applicant was charged. In fact, it provided for two different possible punishments, namely a punishment of four years to life imprisonment in the event that the applicant was tried before the Criminal Court, or six months to ten years if he was tried before the Court of Magistrates. While it is clear that the punishment imposed was established by law and did not exceed the limits fixed by section 120A(2) of the above-mentioned Ordinance, it remains to be determined whether the Ordinance’s qualitative requirements, particularly that of foreseeability, were satisfied, regard being had to the manner of choice of jurisdiction, as this reflected on the penalty that the offence in question carried.”

19. Il-qorti fil-fatt sabet illi l-inċertezza dwar il-parametri – forsi għax min ikollu l-ħsieb li jwettaq reat ma jkollux mezz kif jikkonsulta mal-Avukat Ġenerali qabel ma jwettaq ir-reat biex jistaqsih quddiem liema qorti

sejjer iressqu jekk jinqabed – tolqot il-prevedibilità tal-piena u għalhekk sabet ksur tal-art. 7 tal-Konvenzjoni.

> “41. The Court observes that the law did not make it possible for the applicant to know which of the two punishment brackets would apply to him. As acknowledged by the Government …, the applicant became aware of the punishment bracket applied to him only when he was charged, namely after the decision of the Attorney General determining the court where he was to be tried.
>
> “42. The Court considers relevant the cases of G. and M. mentioned by the applicant ... It observes that although these cases were not totally analogous (in that G., unlike M., was a recidivist), they were based on the same facts, offences in relation to which guilt was found, and a similar quantity of drugs. However, G. was tried before the Criminal Court and eventually sentenced to nine years’ imprisonment whereas M. was tried before the Court of Magistrates and sentenced to fifteen months’ imprisonment. More generally, the domestic case-law presented to this Court seems to indicate that such decisions were at times unpredictable. It would therefore appear that the applicant would not have been able to know the punishment applicable to him even if he had obtained legal advice on the matter, as the decision was solely dependent on the prosecutor’s discretion to determine the trial court.
>
> “43. While it may well be true that the Attorney General gave weight to a number of criteria before taking his decision, it is also true that any such criteria were not specified in any legislative text or made the subject of judicial clarification over the years. The law did not provide for any guidance on what would amount to a more serious offence or a less serious one (based on enumerated factors and criteria). The Constitutional Court … noted that there existed no guidelines which would aid the Attorney General in taking such a decision. Thus, the law did not determine with any degree of precision the circumstances in which a particular punishment bracket applied. An insoluble problem was posed by fixing different minimum penalties. The Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards. … … …
>
> “44. In the light of the above considerations, the Court concludes that the relevant legal provision failed to satisfy the foreseeability requirement and provide effective safeguards against arbitrary punishment as provided in Article 7.
>
> “45. It follows that there has been a violation of Article 7 of the Convention.”

20. Jekk din hija l-interpretazzjoni prevalenti – biex ma nsejħulhiex korretta – tal-art. 7, u jidher ukoll illi hija l-interpretazzjoni adottata fis-sentenzi ta' dawn il-qrati wara Camilleri[3], xejn ma jiswa li ngħidu illi l-attur kien jaf, qabel ma qatagħha li jwettaq ir-reat, li seta' jeħel minn sitt xhur sa għomru l-ħabs; jekk ma setax, f'dak il-waqt, ikun jaf jekk setax jeħel minn sitt xhur sa għaxar snin jew minn erba' snin sa għomru, mela ma kienx hemm il-prevedibilità li jrid l-art. 7 kif interpretat.

21. Fil-verità iżda – għax il-liġi trid titħaddem fil-każ konkret u mhux fl-astratt – seta' jew ma setax jobsor l-attur illi l-gravità tar-reat minnu mwettaq la kienet żgħira u lanqas *borderline*, b'mod illi jekk jinqabad x'aktarx illi jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali?

22. Fuq ammissjoni tiegħu stess quddiem il-Qorti Kriminali, l-attur kien qiegħed ikabbar il-*cannabis* mhux biss għalih innifsu iżda biex igħaddih ukoll lil ħaddieħor. Kien qiegħed jagħmel hekk fuq skala li nistgħu nsejħulha industrijali b'tagħmir u apparat maħsub biex joħloq ambjent li jiffavorixxi u jħaffef it-tkabbir billi jirregola d-dawl, it-temperatura u l-aċidità tal-ħamrija li fiha tkabbru l-pjanti, kif jidher mir-ritratti esebiti fil-proċess kriminali[4]. Barra minn hekk, ma nistgħux inqisu biss il-kwantità ta' droga – ġà fiha nfisha sostanzjali – li nstabet fil-waqt tat-tfittxija mill-pulizija iżda wkoll il-potenzjal ta' dak is-*set-up* maħsub biex ixerred il-vizzju tad-droga, kif jixhdu n-numru ta' qsari bil-ħamrija lesti biex

[3] Ara s-sentenzi msemmija fis-sentenza appellata f'para. 3 taħt "Konsiderazzjonijiet", *supra*.

[4] Ara *e.g.* ir-ritratti 06BTX4, 06BTX5, 06BTX10, 06BTX12, 06BTX76, 06BTX77, 06BTX78 u 06BTX82 fil-proċess kriminali.

tinżera' fihom il-pjanta[5] u n-numru tal-qsari vojta lesti biex jintużaw għall-istess skop[6]. Essenzjalment l-attur kellu *production line* sostanzjali b'*vertical integration* tal-proċess kollu tal-produzzjoni tad-droga. Ma setax realistikament jistenna illi r-reat tiegħu ma jitqiesx gravi biżżejjed biex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali, kif fil-fatt ġara. L-element ta' prevedibilità wkoll tal-*punishment bracket*, biex jitħares dak illi ġie interpretat li jrid l-art. 7 ta' Konvenzjoni, għalhekk ma kienx nieqes

23. L-aggravju, fil-fehma tal-qorti, huwa ġustifikat u jistħoqq illi jintlaqa'.

24. Ngħaddu issa għall-aggravju li jmiss, li jolqot id-deċiżjoni dwar id-dewmien. L-Avukat Ġenerali fisser dan l-aggravju hekk:

> "… … … il-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea stabbilew ċertu fatturi li għandhom jiġu meqjusa biex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġonevoli jew le. Dawn il-fatturi jinkludu:
>
> "i. in-natura u/jew komplessità tal-każ inkwistjoni;
>
> "ii. l-imġieba proċesswali tal-partijiet fil-kawża; u
>
> "iii. il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess;
>
> "… … …
>
> "Naturalment biex wieħed ikun jista' jiddetermina jekk proċeduri tmexxewx b'ħeffa u diliġenza, wieħed irid bilfors jeżamina l-*iter* proċesswali kif reġistrat fil-verbali tal-kawża. Minn eżami mirqum tal-atti jirriżulta li l-proċeduri kriminali kienu maqsuma fuq tliet fażijiet differenti: (i) il-fażi tal-preżentata tal-akkużat u tal-kumpilazzjoni tal-evidenza, (ii) il-fażi tal-ħruġ tal-att tal-akkuża u tal-ġuri u (iii) il-fażi tal-appell;
>
> "L-ewwel fażi. dik marbuta mal-preżentata tal-akkużat u tal-kumpilazzjoni tal-evidenza, bdiet fil-21 ta' Ġunju 2006 u spiċċat sal-25 ta' Novembru 2009. Jiġifieri ħadet perijodu ta' ftit inqas minn tliet snin u

[5] Ara *e.g.* r-ritratti 06BTX70 u 06BTX71 fil-proċess kriminali.

[6] Ara *e.g.* r-ritratt 06BTX79 fil-proċess kriminali.

nofs. B'kollox saru tmienja u għoxrin seduta fejn fihom instemgħu 34 testimonjanza u saru ħames rapporti minn esperti mqabbda mill-qorti;

"Minn għarbiel tal-provi ma jirriżultax li l-prosekuzzjoni talbet xi differiment u dejjem attendiet għas-seduti. Diversament tliet seduti kellhom jiġu mħassra (tal-21 ta' Diċembru 2006, tal-10 ta' Lulju 2007 u tas-26 ta' Frar 2008) għaliex Holmes ma attendiex għas-seduta ... ... ...

"Għalkemm il-każ ma kienx l-aktar wieħed ikkomplikat min-naħa l-oħra però n-numru sostanzjali ta' xhieda li taw it-testimonjanza tagħhom u l-ħames rapporti li kellhom jitħejjew waqt il-proċeduri huma indikattivi li l-każ ma kienx daqshekk ta' *facile spedizione* u kellu leġittimament jieħu ftit taż-żmien;

"Imbagħad dwar ċerti kummenti magħmula mill-ewwel onorabbi qorti, l-esponent għandu dan xi jgħid:

"i. Il-provi ma jingħalqux bid-dikjarazzjoni tal-pulizija iżda jingħalqu jekk l-Avukat Ġenerali ma jibgħatx rinviju u joħroġ l-att tal-akkuża. Fil-fażi tal-kumpilazzjoni d-dikjarazzjoni waħidha tal-Pulizija mhijiex biżżejjed;

"ii. L-iskop għaliex l-atti jintbagħtu għand l-Avukat Ġenerali huwa proprju biex dan jara jekk hemmx biżżejjed evidenza jew jonqosx xi evidenza u biex jivverifika jekk kienx hemm xi nuqqasijiet fil-proċedura biex ma joqogħdux jitqajmu kwistjonijiet ta' nullitajiet wara li jinħareġ l-att tal-akkuża;

"iii. Ix-xhieda jinstemgħu biex tiġi stabbilita l-verità u mhux biex jitwalu aktar il-proċeduri. Wara kollox huwa obbligu fuq il-prosekuzzjoni li ttella' l-provi kollha li tkun taf bihom kemm favur jew kontra l-akkużat;

"iv. Ħafna mid-drabi l-ħtieġa li jigu mismugħa xhieda ulterjuri toħroġ wara li jkun instema' xhud partikolari;

"v. Kull rinviju mibgħut mill-Avukat Ġenerali f'dan il-każ ma sarx kaproċċjożament iżda sar għax verament kien hemm il-ħtieġa li jinstemgħu testimonjanzi ulterjuri;

"vi. Huwa diffiċli hafna li tisma' 34 testimonjanza f'qasir żmien. Hawn-hekk l-esponent ma jaqbilx mal-kumment li l-provi ttellgħu b'mod imqanzaħ, speċjalment meta wieħed jara li kważi f'kull seduta miżmuma mill-qorti nstemgħu aktar minn xhud wieħed;

"vii. Huwa ideali li kawża tibda u tinqata' mill-ewwel u li x-xhieda jinstemgħu kollha f'daqqa imma dan ma jistax isir jekk irid jiġi garantit li anke kawżi oħra jinstemgħu b'diliġenza. Kemm il-qorti, kemm il-pulizija, u kif ukoll l-Avukat Ġenerali ma jkollhomx kawża waħda x'jieħdu ħsieb;

"viii. F'dan il-każ l-Avukat Ġenerali għamel sew li bagħat l-atti lura jekk sab xi nuqqasijiet fil-proċedura bħal meta nduna li l-atti ma kinux ġew tradotti bl-Ingliż. B'dan il-mod ġie evitat milli jitqajmu eċċezzjonijiet ta' nullità aktar 'il quddiem. Fuq kollox imbagħad

b'dan ir-rinviju ma jirriżultax li ntilef xi ħin għaliex fil-frattemp xorta baqgħu jinstemgħu xhieda oħra;

"ix. Għalkemm huwa veru li l-Avukat Ġenerali seta' talab minn qabel il-ħatra tal-esperti biex jagħmlu l-pjanta tar-residenza tal-akkużat u jiġbru l-lista tal-ġid tiegħu, madankollu dawn il-ħatriet ma dewmux il-proċess, mhux biss għaliex l-inkariku tagħhom wettquh f'qasir żmien iżda anke għaliex wara n-nomina tagħhom xorta nstemgħu xhieda oħra;

"x. Fl-aħħarnett, Holmes, waqt li damet għaddejja għall-kumpilazzjoni, qatt ma lissen xi lment dwar il-fatt li l-proċeduri kienu mexjin bil-mod jew mhux b'ħeffa.

"Għaldaqstant kollox ma' kollox, meta wieħed jagħsar dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, partikolarment l-għadd kbir tal-provi miġbura, in-numri ta' rapporti li kellhom jitħejjew, l-assenza ta' Holmes għal ċertu seduti u l-fatt li l-pulizija dejjem attendiet għas-seduti u kważi dejjem ressqet xhieda biex jixhdu, l-esponent jesprimi l-fehma tiegħu li f'dan l-ewwel stadju tal-proċeduri ma kienx hemm dewmien li wieħed jista' jqisu bħala esaġerat jew irraġonevoli;

"Ngħaddu issa għat-tieni fażi. L-att tal-akkuża nħareġ fit-18 ta' Jannar 2009 u l-ewwel seduta ġiet appuntata fid-9 ta' Diċembru 2010. Kuntrarjament għal dak imtenni mill-ewwel onorabbli qorti, terminu ta' ftit inqas minn sentejn biex ġie appuntat il-ġuri mhuwiex wieħed daqshekk esaġġerat. Għalkemm kien ikun aħjar li kieku ż-żmien kien iqsar, b'danakollu dan ma jfissirx li dan il-perijodu kien irraġonevoli;

"It-terminu li ssuċċieda wara l-ewwel appuntament tas-smigħ sad-data tas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Novembru 2011 ma kienx jikkonsisti minn dewmien kolpuż għaliex f'dan iż-żmien il-partijiet kienu qegħdin jippruvaw jaslu fuq ftehim dwar il-piena. Naturalment l-Istat ma jistax jinsab responsabbli għal dewmien li nħoloq minħabba li l-partijiet kienu qegħdin jippruvaw jaslu f'patteġġjament;

"Għaldaqstant anke f'dan l-istadju ma jistax jingħad li kien hemm xi dewmien irraġonevoli;

"L-aħħar fażi kienet dik tal-appell. Ir-rikors tal-appell minn Holmes ġie introdott fl-14 ta' Dicembru 2011 u l-appell ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, jiġifieri ftit inqas minn sentejn wara;

"Dwar proċeduri ta' appell, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Nicholas Debono et *vs* Reġistratur Prinċipali tal-Qrati tal-Ġustizzja *et* maqtugħa fit-30 ta' Ġunju 2003 kienet qalet li "din il-qorti hi tal-fehma li terminu ta' ftit anqas minn sentejn u ħames xhur bejn l-introduzzjoni tar-rikors ta' appell u l-ewwel smigħ tal-appell ma hux, fih innifsu, xi żmien irraġonevoli biex Qorti ta' Appell tibda tisma' appell".

"L-esponent jaqbel ma' dan il-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali u allura f'dan il-każ terminu ta' ftit inqas minn sentejn biex ġie maqtugħ appell ma jistax jitqies bħala wieħed irraġonevoli;

"In konklużjoni dan kollu għandu jwassal lil din l-onorabbli qorti biex issib li fil-proċeduri kriminali inkwistjoni ma ġiex miksur il-jedd ta' smigħ

> xieraq fi żmien raġonevoli u għaldaqstant is-sentenza tal-ewwel onorabbli qorti tixraq li tiġi revokata f'dan is-sens."

25. Bħall-Avukat Ġenerali l-qorti sejra taqsam fi tliet fażijiet l-analiżi tal-proċess kriminali biex tara kienx hemm dewmien aktar milli huwa raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.

26. L-ewwel fażi hi dik tal-kumpilazzjoni.

27. Faċli tgħid illi l-attur inqabed *in flagrante*, u dak li nstab f'daru kien biżżejjed biex jitressaq u jinstab ħati dakinhar stess. Madankollu proċess penali serju ma jsirx hekk għax trid tinġabar ix-xiehda kollha li jista' jkollha relevanza mhux biss għall-ħtija iżda wkoll għall-piena. Kif sewwa osserva l-Avukat Ġenerali, il-prosekuzzjoni hija marbuta li tressaq ix-xiehda kollha li tista' titfa' dawl fuq il-każ, kemm jekk kontra l-attur u kemm jekk favur tiegħu. Kollox għandu l-prezz tiegħu: il-proċeduri bil-garanziji ta' smigħ xieraq jeħtieġu ż-żmien tagħhom u jrid jinstab il-bilanċ bejn il-ħtieġa li l-proċess ikun wieħed "xieraq" u l-ħtieġa li jintemm fi "żmien raġonevoli". Il-fatt illi tressaq numru x'aktarx kbir ta' xhieda ċertament ikkontribwixxa għad-dewmien. Huwa minnu wkoll illi xi wħud minn dawn ix-xhieda huma ta' relevanza minima jew dubbjuża iżda ċertament il-qorti ma tistax tlum lill-prosekuzzjoni talli ressqet ix-xhieda kollha li dehrulha li setgħu tefgħu dawl fuq il-każ, fl-interess ukoll, wara kollox, tal-akkużat stess, biex dan ma jixlix lill-prosekuzzjoni li ħbiet fatti relevanti jekk din ma tressaqx lil kull min jista' jagħti tagħrif dwar il-każ.

28. Imbagħad, għalkemm huwa minnu illi l-interpretazzjoni prevalenti tal-art. 6 tal-Konvenzjoni hija illi l-akkużat ma huwiex obbligat illi jikko-opera fil-proċess ġudizzjarju, u huwa indubbjament minnu wkoll illi anke min hu ħati għandu jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, madankollu l-imġieba tal-akkużat ma hijiex għalkollox irrelevanti. Fil-każ tallum kien hemm akkużat li kien jaf li hu ħati tant illi ammetta, iżda għażel li jistenna – kif indubbjament kellu jedd illi jagħmel – sakemm il-każ ikun appuntat għas-smigħ quddiem il-Qorti Kriminali biex ammetta, flok ammetta qabel biex hekk jiffranka lilu nnifsu żmien ta' inċertezza u lill-istat jiffrankalu spejjeż fi ġbir ta' xiehda u ħela ta' riżorsi ġudizzjarji. Għalkemm kien, kif għidna, dritt tal-akkużat illi jħalli l-proċess jimxi u jitwal flok iwaqqfu b'ammissjoni bikrija, dan ma huwiex għalkollox irrelevanti meta niġu biex inqisu r-raġonevolezza tad-dewmien.

29. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-qorti taqbel mal-Avukat Ġenerali illi ma kienx hemm dewmien irraġonevoli fl-ewwel fażi tal-proċess.

30. It-tieni fażi – bejn il-ħruġ tal-att ta' akkuża fit-18 ta' Jannar 2009 u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-24 ta' Novembru 2011 – ħadet ftit anqas minn tliet snin. Jista' jingħad illi ż-żmien bejn il-ħruġ tal-att ta' akkuża u l-ewwel seduta tad-9 ta' Diċembru 2010 – ftit inqas minn sentejn – kien żmien moħli li seta' ġie evitat. Tassew illi r-riżorsi disponibbli għas-sistema ġudizzjarju, jew aħjar, in-nuqqas ta' riżorsi biżżejjed, ma jippermettux il-ħeffa u l-effiċjenza mixtieqa, iżda huwa dmir tal-istat illi jipprovdi dawk ir-riżorsi u huwa nuqqas tal-istat meta dawk ir-riżorsi ma

jingħatawx. Madankollu r-riżorsi tal-istat huma dawk li huma u jridu jitqassmu fost il-ħtiġijiet kollha li għandu stat modern u s-servizzi kollha li jagħti, għalkemm forsi huwa wkoll minnu illi l-ġustizzja jixirqilha prijorità ogħla.

31. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti hija tal-fehma illi jekk kien hemm dewmien x'aktarx aktar milli huwa strettament xieraq dan ma kienx ta' gravità hekk kbira li jista' jitqies ksur tal-jedd imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

32. L-aħħar fażi – dik tal-appell – ħadet mill-14 ta' Diċembru 2011 sal-31 ta' Ottubru 2013, ftit inqas minn sentejn. Tassew illi l-appell kien biss mill-piena, iżda xorta kien jeħtieġ eżami dettaljat ta' diversi fatturi biex il-qorti tara li l-piena kienet waħda tassew xierqa u proporzjonata. Jerġa' jingħad illi, li mhux għan-nuqqas ta' riżorsi, l-appuntament tal-appell kien forsi jseħħ qabel iżda fiċ-ċirkostanzi l-qorti ma tarax illi d-dewmien kien esaġġerat tant li jitqies mhux raġonevoli.

33. Wara li qieset dawn il-fatturi kollha l-qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ma jistax jingħad illi ma ngħatax smigħ fi żmien raġonevoli. Dan l-aggravju wkoll għalhekk jistħoqq illi jintlaqa'.

34. Billi sejrin jintlaqgħu l-aggravji tal-Avukat Ġenerali fuq il-meritu ma huwiex meħtieġ illi l-qorti tqis ukoll l-aggravju dwar il-kumpens, u għalhekk nistgħu ngħaddu biex inqisu l-appell tal-attur Holmes.

35. L-appell tal-attur jolqot dawk il-partijiet tas-sentenza fejn l-ewwel qorti: (i) iddikjarat illi ma kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq billi l-attur ma kellux l-għajnuna ta' avukat meta għamel stqarrija quddiem il-pulizija; (ii) ma sabitx ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba nuqqasijiet fis-sistema tal-għajnuna legali; (iii) għalkemm sabet illi d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali taħt l-art. 22(2) tal-Kap. 101 tikser l-art. 7 tal-Konvenzjoni, ma sabitx illi tikser ukoll l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni; (iv) ma sabitx illi kien hemm diskriminazzjoni fl-eserċizzju tad-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali; u ma sabitx li kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-fatt illi l-art. 22(1B) tal-Kap. 101 "ma jagħmilx distinzjoni bejn kultivar għal użu personali u kultivar għal skopijiet ta' spaċċ".

36. L-aggravju tal-attur dwar in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat waqt li kien qiegħed jagħmel stqarrija lill-pulizija hija msejsa fuq l-argument illi dak in-nuqqas, għalhekk biss u irrispettivament mill-konsegwenzi jew nuqqas ta' konsegwenzi, iwassal *ipso facto* għall-ksur tal-jedd imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni. Kompla fisser dan l-aggravju hekk:

> "… … … f'dan il-kuntest, l-ewwel onorabli qorti ma setgħet kienet qatt ġustifikata mhux talli tinjora kompletament l-insenjamenti tal-qorti ta' Strasburgu … … … iżda talli tibbaża ruħha fuq kriterji kompletament differenti, u li ma jsibu ebda konfort fil-ġurisprudenza ta' Strasburgu, sabiex tgħaddi biex tiċħad l-ilment tal-esponenti. Għaldaqstant minn imkien fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma jirriżulta illi sabiex jirriżulta ksur, l-esponent irid ikun oġġezzjona dwar l-ammissibilità stqarrija fil-proċeduri kriminali jew irtira dak li qal jew qal li kien mhedded jew li ġie mwiegħed xi favur.

> "Illi mhux talli l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma tqisx dawn il-kriterji bħala determinanti sabiex jiġi stabbilit ksur, talli d-deċiżjonijiet kollha minn Salduz lil hawn imorru f'direzzjoni kompletament opposta għal dan ir-raġunament fis-sens illi ċ-ċaħda tal-assistenza legali fiha nfisha kif ukoll iċ-ċaħda għal aċċess għal file fiha nfisha mingħajr ebda riferenza għal kunsiderazzjonijiet oħra tikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-bniedem. … … … [D]ak li naqset milli tikkunsidra l-ewwel qorti, anke jekk stess ġiet biex tikkunsidra l-istqarrija fl-assjem tal-proċeduri kollha, kien il-mod kif dan il-ksur tad-dritt fundamentali ikkundizzjona l-kumplament tal-proċeduri … … …
>
> "… … …
>
> "Illi fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza huwa ċar illi l-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti huma irrilevanti f'dan il-kuntest. Jekk l-esponent oġġezzjonax jew le għal stqarrija msemmija waqt il-proċeduri kriminali hija irrilevanti bħalma hija wkoll irrilevanti fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea jekk l-stqarrija kinetx l-unika prova jew mod ieħor, bħalma lanqas huwa rilevanti fid-dawl tal-istess ġurisprudenza l-fatt jekk b'dikjarazzjonijiet sussegwenti li għamel l-esponent dan seta' jitqies li kkonferma xi partijiet mill-istqarrija tiegħu."

37. Din il-qorti ttenni dak li qalet fis-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2012 fil-każ ta' Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali u s-sentenza tas-26 ta' April 2013 fil-każ ta' Repubblika ta' Malta *v.* Martin Dimech u f'sentenzi oħra hemm ċitati illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

38. Il-fatt li l-attur ma kellux l-għajnuna ta' avukat biex għamel l-istqarrija lill-pulizija b'ebda mod ma ippreġudika jew ikkondizzjona d-difiża tiegħu; anzi, meta għamel l-istqarrija l-attur qal illi d-droga kienet għall-użu tiegħu biss u meta, wara li ħa l-parir tal-avukat, għamel ammissjoni

quddiem il-qorti, u tenna dik l-ammissjoni wara li ngħata żmien biex jerġa' jaħsibha u, jekk jidhirlu, jeħodha lura, ammetta illi d-droga kienet mhux għalih biss iżda wkoll biex jittraffikaha. Ovvju għalhekk illi l-istqarrija li għamel quddiem il-pulizija b'ebda mod ma ikkondizzjonatu jew ippreġudikat il-posizzjoni tiegħu għax dik il-posizzjoni kompla għarraqha hu stess wara li kien ħa l-parir ta' avukat tal-fiduċja tiegħu.

39. Fiċ-ċirkostanzi l-istqarrija quddiem il-pulizija tista' titqies għalkollox irrelevanti, mhux biss fid-dawl tal-ammissjoni, magħmula u mtennija bil-garanziji kollha li tagħti l-liġi, iżda wkoll għax l-attur inqabad f'ċirkostanzi li jitkellmu weħedhom, bid-droga u bl-impjant għall-koltivazzjoni tad-droga fid-dar tiegħu. Barra minn hekk, ma hemmx l-iċken prova illi l-attur huwa xi persuna partikolarment vulnerabbli, jew li l-istqarrija ma tteħditx volontarjament jew ittieħdet b'abbuż, jew b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

40. Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti ma tistax ma taqbilx mal-ewwel qorti illi l-aggravju huwa wieħed fieragħ; tkun inġustizzja, oltraġġ għal-liġi u avviliment tad-drittijiet fondamentali jekk is-sentenza kontra l-attur titħassar għal din ir-raġuni. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

41. Ngħaddu għalhekk għat-tieni aggravju: dak dwar l-allegazzjoni ta' nuqqasijiet fis-sistema tal-għajnuna legali. L-attur jibda l-argument

tiegħu billi jiċċita din is-silta mis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Huseyn *et v.* Ażerbajan[7]:

> "180. In this connection, the Court reiterates that, under Article 6 § 3 (c) of the Convention, an accused is entitled to legal assistance which is practical and effective and not theoretical or illusory. This Convention provision speaks of "assistance" and not of "nomination": mere nomination does not ensure effective assistance since a lawyer may be prevented from providing such assistance owing to various practical reasons, or shirk his or her duties. A State cannot be held responsible for every shortcoming on the part of a lawyer appointed for legal-aid purposes. However, if a failure by legal-aid counsel to provide effective representation is manifest or is sufficiently brought to the authorities' attention in some other way, the authorities must take steps to ensure that the accused effectively enjoys the right to legal assistance (see *Artico v. Italy*, 13 May 1980, §§ 33-37, Series A no. 37, and *Kamasinski v. Austria*, 19 December 1989, § 65, Series A no. 168). Moreover, where it is clear that the lawyer representing the accused before the domestic court has not had the time and facilities to organise a proper defence, the court should take measures of a positive nature to ensure that the lawyer is given an opportunity to fulfil his obligations in the best possible conditions."

42. Imbagħad ikompli jfisser l-aggravju hekk:

> "a) illi l-esponent matul il-proċeduri kriminali ma kellux mezzi suffiċjenti sabiex jinkariga avukat ta' fiduċja tiegħu;
>
> "b) illi l-każ kien wieħed serju u kumpless u li kien jeħtieġ trattament speċjalizzat mhux biss tenut kont tal-kumplessità tal-liġijiet tad-drogi u l-fatt illi anke l-proċedura sa ċertu punt hija waħda speċjali iżda wkoll għax il-piena massima li kienu jġorru l-akkużi kienet dik tal-priġunerija għal għomor;
>
> "ċ) illi jirriżulta mill-atti illi fil-gzira t'Għawdex, b'popolazzjoni ta' *circa* tletin elf ruħ, kien hemm żewġ avukati li kienu jipprestaw is-servizzi bħala avukati tal-għajnuna legali u ma kien jeżisti ebda kriterju ta' speċjalizzazzjoni fl-assenjazzjoni tal-każijiet,
>
> "d) illi filwaqt li jagħmel riferenza għad-deposizzjoni tad-diversi xhieda li ddeponew fil-kuntest ta' dan l-ilment l-esponent jagħmel riferenza partikolari għal dak li ssemma mix-xhieda kif f'Għawdex fil-qasam legali kien hemm aktar *general practicioners*, għalkemm mhux biss, u drabi persuni akkużati kienu jirrikorru għal servizzi

[7] 26 ta' Lulju 2011, rikorsi 35485/05, 45553/05, 35680/05 u 36085/05.

speċjalizzati minn uffiċji legali f'Malta u dan ovvjament b'kull sens ta' rispett lejn dawn l-oqsma;

“e) illi l-esponent jerġa' għal darb'oħra jtenni illi l-ilment tiegħu huwa indirizzat lejn is-sistema li naqset li tassigura assitenza legali adegwata u b'mod speċjalizzat li jirrifletti n-natura u l-gravità tar-reat b'mod li kellu jirrikorri għal għajnuna finanzjarja ta' terzi sabiex ikun jista' jinkariga avukat privatament;

“f) illi *inoltre* irriżulta mill-provi prodotti illi r-rimunerazzjoni tal-avukati tal-għajnuna legali mhux biss hija waħda li ma tirriflettix ir-responsabbiltajiet assunti mid-difensuri speċjalment f'każijiet ta' ċertu gravità, iżda wkoll tingħata mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li huwa wkoll il-prosekutur pubbliku. Issa filwaqt li l-esponent [...] jerġa' jtenni li għandu kull rispett lejn l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tar-Repubblika u l-persuni li jaħdmu fl-istess uffiċċju, għal darb'oħra jippreċiża illi l-ilment tieghu huwa dirett lejn is-sistema, sistema fejn l-Avukat Ġenerali huwa mhux biss konsulent tal-gvern iżda wkoll prosekutur pubbliku. Illi l-esponent jistaqsi: huwa xieraq illi r-rimunerazzjoni tal-avukati tal-għajnuna legali toħroġ mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jew ikun aktar għaqli jekk l-istess rimunerazzjoni ssir minn dipartiment ieħor? Illi l-fatt li r-rimunerazzjoni tal-avukati tal-għajnuna legali ssir mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li huwa wkoll l-Uffiċjal Prosekutur fil-kawżi kriminali jmur kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali peress illi huwa kunċett assurd illi l-persuna li takkużak u tmexxi l-proċess fil-konfront tal-akkużat hija l-istess waħda li qed tipprovdi għar-rimunerazzjoni tal-avukat difensur tiegħek.”

43. Ma huwiex kontestat illi l-attur fil-fatt ingħata għajnuna legal, u kien assistit minn avukat tal-għajnuna legali sakemm ħatar avukat ieħor. L-ilment tiegħu, kif jidher mir-rikors tal-appell, huwa illi s-sistema tal-għajnuna legali, partikolarment kif imħaddem f'Għawdex, ma tħallix illi dik l-għajnuna tkun waħda effettiva.

44. L-attur iżda jressaq biss ilmenti ġeneriċi kontra s-sistema u jonqos milli jgħid fejn speċifikament fil-każ partikolari tiegħu l-għajnuna legali ma kinitx effettiva. Il-fatt illi s-sistema ma huwiex perfett u fih hemm lok għal titjib ma jfissirx bilfors illi hemm ksur ta' drittijiet fundamentali.

45. L-ewwel ilment ġeneriku tal-attur kien li ma ngħatax avukat "speċjalizzat" bla ma qal fejn l-avukat mhux speċjalizzat li ngħatalu naqsu jew mexxieh ħażin. L-ilment tal-attur kien ikollu xi meritu li kieku l-avukat assenjat lilu kien għal kollox nieqes minn esperjenza fil-qasam penali; fil-fatt iżda ngħata avukati ta' esperjenza wkoll fil-qasam penali li għenuh b'għaqal matul iż-żmien illi kienu l-avukati tiegħu. Kien bil-għajnuna tal-avukat tal-għajnuna legali, u minkejja l-opposizzjoni tal-prosekuzzjoni, illi ntlaqgħet minnufih, fil-21 ta' Ġunju 1996, dakinhar li tressaq il-qorti taħt arrest, it-talba tal-attur biex ingħata ħelsien mill-arrest. Wara dik id-data l-attur kien ħatar avukat privat illi baqa' jassistih sa meta fid-9 ta' Lulju 2007 irrinunzja għall-patroċinju u l-attur għalhekk reġa' ngħata avukat ieħor tal-għajnuna legali. Dan l-avukat, ukoll ta' ħila u esperjenza ukoll fil-qasam penali, baqa' jassistih sal-11 ta' Settembru 2008 meta l-attur reġa' ħatar avukat ieħor privat tal-għażla tiegħu. Wara li qieset sew l-atti tal-proċess il-qorti ma tarax illi matul iż-żmien ta' sena u xahrejn illi l-attur kien assistit mill-avukat tal-għajnuna legali dan naqas milli jaqdi d-dmir tiegħu b'għaqal u professjonalità u lanqas illi matul dawk iż-żmien kien hemm żviluppi illi minħabba nuqqasijiet tal-avukat b'xi mod ippreġudikaw il-posizzjoni tal-attur. Huwa fatt ukoll illi matul dan iż-żmien la l-attur u lanqas ir-rappreżentanti konsulari tar-Renju Unit (li lilhom l-avukat kien jirrapporta biex dawn ikunu jistgħu jissorveljaw il-proċess) ma ressqu xi

ilment dwar nuqqasijiet fit-tmexxija tad-difiża tal-attur mill-avukat tal-għajnuna legali.

46. Il-qorti ma tarax għalhekk illi l-attur ma ngħatax għajnuna legali "effettiva".

47. Ilment ieħor tal-attur huwa illi l-avukat tal-għajnuna legali jitħallas mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Għalkemm dan huwa minnu, l-Avukat Ġenerali ma għandu ebda setgħa fuq il-ħatra tal-avukat għall-għajnuna legali u ma għandu ebda għażla jħallasx lill-avukat u kemm iħallsu. B'ebda mod l-avukat tal-għajnuna legali ma jiddependi mid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali għall-ħatra jew għall-ħlas tiegħu u għalhekk b'ebda mod ma huwa soġġett għad-direzzjoni jew influwenza tiegħu. Il-fatt illi amministrativament il-ħlas joħroġ mill-vot tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali b'ebda mod ma jolqot l-indipendenza tal-avukat tal-għajnuna legali illi, bħal kull avukat ieħor, id-dmir tiegħu jibqa' lejn il-qorti u lejn il-klijent.

48. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-aggravju msejjes fuq l-allegazzjoni ta' nuqqasijiet fis-sistema tal-għajnuna legali

49. It-tielet aggravju tal-attur huwa illi l-ewwel qorti missha sabet illi d-disposizzjonijiet tal-art. 22(2) tal-Kap. 101 jikser mhux biss l-art. 7 tal-Konvenzjoni (għalkemm ġà rajna illi fil-fatt ma hemmx ksur tal-art. 7 tal-Konvenzjoni) iżda wkoll l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni. Fisser dan l-aggravju hekk:

> "Illi f'dan il-kuntest l-esponent jirrileva illi l-ewwel onorabbli qorti ċaħdet l-ilment tar-rikorrent abbażi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni billi għamlet riferenza għas-sentenzi fil-konfront ta' Lebrun u Dimech deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Settembru tas-sena 2014.
>
> "Illi l-esponent però jirrileva illi f'dawk iż-żewġ każijiet l-ilmenti tal-esponenti ġew respinti peress illi il-proċeduri kienu għadhom pendenti u fil-fatt il-Qorti Kostituzzjonali f'dawk il-każijiet iddeċidiet li la darba kienet qed tirrespinġi t-talbiet taħt l-artikolu 7, kienet qed tirrispinġihom ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.
>
> "Illi però dan kollu ma japplikax għall-każ odjern *stante* li f'dan il-każ il-proċeduri kriminali ġew konklużi fi stadju t'appell u għaldaqstant l-ewwel onorabbli qorti kellha teżamina l-ilmenti tal-esponenti taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għad-diversi raġunijiet miġjuba fir-rikors promotur."

50. Qiegħed igħid ħażin l-attur meta jgħid illi din il-qorti, fil-każ Joseph Lebrun *v.* Avukat Ġenerali u fil-każ Dimech *v.* Avukat Ġenerali, it-tnejn deċiżi fis-16 ta' Settembru 2014, kienet ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni "la darba kienet qed tirrespinġi t-talbiet taħt l-artikolu 7" u għax f'dawk il-każijiet ma kinux għadhom ingħalqu l-proċeduri kriminali. Ir-raġuni għala ġiet miċħuda t-talba kienet ġiet imfissra hekk:

> "Din il-qorti tosserva li [...] "is-smigħ xieraq jiddependi mill-*iter* proċesswali adoperat fil-kuntest ta' persuna akkużata b'reat, u ma tirreferix għad-dritt sostantiv li taħtu jiġi akkużat. Id-dritt ta' smigħ xieraq li għandu kull akkużat mhux preġudikat bil-provvediment tal-artikolu 22(2), u, darba nħarġet akkuża, il-proċess ġudizzjarju hu protett bil-liġi li jiggarantixxi smigħ xieraq għall-akkużat" (Godfrey Ellul *v.* Avukat Ġenerali). Il-Qorti Kostituzzjonali fl-istess każ osservat hekk:
>
> > ""Dan [l-artikolu 6] jirregola l-mod kif jitmexxa l-proċess quddiem il-qorti, u mhux il-mod kif jinġieb quddiem il-qorti. Sew quddiem il-Qorti Kriminali u sew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, min ikun mixli b'akkuża kriminali jkollu l-garanzija kollha li jrid dan l-artikolu. ... Imkien f'dan l-artikolu ma tingħata garanzija illi l-prosekutur m'għandux ikollu

> diskrezzjoni bħal dik mogħtija lill-Avukat Ġenerali fl-artikolu 22(2) tal-Kap.101."

> "Ukoll fil-kawża Repubblika ta' Malta *v.* Mario Camilleri il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) osservat hekk:

> "... Din il-qorti ma tistax tara kif, imqar remotament, id-diskrezzjoni li għandu l-Avukat Ġenerali skond l-artikolu 22(2) imsemmi tista' tinċidi fuq l-indipendenza tagħha. Tasal kif tasal kawża quddiem din il-qorti – bid-deċizjoni ta' parti waħda, bil-kunsens taż-żewġ partijiet jew minħabba disposizzjoni espressa tal-liġi li torbot lill-partijiet fil-kawza – l-indipendenza ta' din il-qorti hi marbuta mal-mod kif inhi, skond il-liġi, komposta u kostitwita. La n-natura tal-kawża li tinġieb quddiemha u lanqas kif jew min iġibha quddiemha ma jistgħu remotament jinċidu fuq tali indipendenza."

> "Inoltre, kif osservat il-qorti fil-kawza Claudio Porsenna *v.* Avukat Ġenerali it-terminu "deċiżjoni" fl-artikolu 6 jirreferi għall-proċess li jsir quddiem qorti indipendenti u imparzjali meta persuna tkun tressqet quddiemha mixlija b'reati, u mhux għad-deċizjoni li l-awtorità kompetenti tkun ħadet biex tressqu quddiem dik il-qorti.

> "Fil-każ odjern mhux qed jiġi allegat li r-rikorrent ma kienx qed jingħata smigħ xieraq minħabba xi ħaġa li seħħet matul l-*iter* tal-proċeduri kriminali wara li kien ġie mixli quddiem il-qrati kriminali [... ... ...]."

51. Il-qorti ttenni dak li qalet fis-sentenzi fuq imsemmija, illi evidentement ġie rappreżentat ħażin mill-attur fir-rikors tal-appell tiegħu. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

52. Fir-raba' aggravju l-attur igħid illi kien vittma ta' diskriminazzjoni, u jfisser dan l-aggravju hekk:

> "Illi l-esponent ulterjorment jilmenta illi l-ewwel onorabbli qorti kellha ssib ksur tal-artikolu 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li saret diskriminazzjoni fil-konfront tal-esponent *stante* li huwa ġie trattat differentement minn persuni oħra f'ċirkostanzi simili jekk mhux aktar serji.

> "Illi għaldaqstant l-esponent jirrileva illi l-piena inflitta fuqu kienet waħda sproporzjonata meta mqabbla ma' diversi sentenzi oħra mogħtija f'każijiet simili kif ukoll f'oħrajn aktar serji u gravi minn dawk tal-esponenti.

> "Illi *inoltre* l-istess drittijiet ġew miksura minħabba l-eserċizzju tad-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali fejn persuni akkużati b'reati simili jew aktar serji ġew mibgħuta sabiex jiġu ġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati

> filwaqt li l-esponent ġie mibgħut biex il-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż mill-Qorti Kriminali."

53. Imbagħad jelenka numru ta' sentenzi fejn il-ħatja ngħataw piena inqas minn tiegħu u jgħid illi dawn juru illi saret diskriminazzjoni kontra tiegħu mingħajr ġustifikazzjoni raġonevoli u oġġettiva għalhekk; igħid ukoll illi hu ngħata piena sproporzjonata meta mqabbla ma' dik mogħtija lil ħaddieħor u dan huwa konsegwenza tad-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali illi jressaq il-każ tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali.

54. Il-Qorti Kriminali, meta tat is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2011 kontra l-attur wara l-ammissjoni tiegħu, osservat illi:

> "The Court considered many other cases where a guilty plea was filed or where no guilty plea was filed, and where the amount of cannabis involved was substantial. But cases may be similar but not necessarily identical. The amount of drugs indicated in particular bills of indictment may be very close but from then on each case has its own story."

55. L-attur appella minn dik is-sentenza iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Ottubru 2013 ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali wara li ikkummentat fuq il-gravità tar-reat tal-konvenut u qablet mal-ewwel qorti illi "*Each case has its own particular circumstances*". Din il-qorti wkoll ġà osservat[8] illi l-gravità tar-reat tal-attur tidher mhux biss mill-kwantità ta' droga misjuba fil-pussess tiegħu iżda wkoll mill-potenzjal li jkabbar kwantitajiet akbar u għal żmien indefinit. Fiċ-ċirkostanzi ċertament kien hemm raġunijiet raġonevoli u oġġettivi għala l-każ tal-attur kellu jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali u

[8] Para. 22, *supra.*

għala l-piena li ngħata l-attur ma kellhiex tkun anqas minn dik li ngħatatlu, u b'ebda mod ma ntwera illi l-attur ingħata trattament differenti minn ħaddieħor għal raġuni invalida jew irrelevanti.

56. Dan kollu qiegħed jingħad bla preġudizzju għall-argument tal-Avukat Ġenerali fit-tweġiba tiegħu illi l-attur "ma rabatx l-ilment bażat fuq diskriminazzjoni dwar il-piena ma' xi dritt ieħor sustantiv"; fid-dawl tal-konklużjoni tagħha illi ma kienx hemm diskriminazzjoni il-qorti ma tarax illi huwa meħtieġ illi tqis dak l-argument.

57. Ir-raba' aggravju tal-attur huwa għalhekk miċħud.

58. Il-ħames u l-aħħar aggravju tal-attur huwa illi l-ewwel qorti kellha ssib illi nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq "peress illi l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 ma jagħmilx distinzjoni bejn kultivar għal użu personali u kultivar għal skopijiet ta' spaċċ". L-argument tal-attur qiegħed jinġieb hawn *verbatim*:

> "Illi l-esponent jilmenta wkoll mid-deċiżjoni tal-ewwel onorabli qorti li ma sabitx ksur taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minħabba illi l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 ma jagħmilx distinzjoni bejn kultivar għal użu personali u kultivar għal skopijiet ta' spaċċ.
>
> "Illi l-ilment tal-esponent huwa ċar u manifest li huwa qatt ma jista' jingħata smigħ xieraq meta l-liġi stess qed tiddetermina *a priori* u indipendentement mill-fatti tal-każ illi l-pussess ta' sustanza jammonta għal traffikar.
>
> "Illi fl-ewwel lok it-tifsira nfisha taż-żewġ kelmiet hija waħda differenti u l-kelma traffikar għandha tifsira kompletament differenti mill-kelma kultivar u għaldaqstant meta l-liġi qed tekwiparahom qiegħda toħloq preġudizzju lill-esponent b'mod illi r-reat tat-traffikar se jirriżulta minn din l-ekwiparazzjoni arbitrarja indipendentement mill-fatti li jistgħu jirriżultaw fis-smigħ tal-provi, u di fatti anke jekk mill-provi jkun jirriżulta

kompletamanet bil-maqlub u illi fil-fatt il-kultivar ikun seħħ għal skopijiet ta' użu personali.

"Illi għal din ir-raġuni biss l-esponent umilment jissottometti illi huwa ma jistax jingħata smigħ xieraq u fil-fatt ma ngħatax smigħ xieraq minħabba illi l-liġi arbitrarjament tekwipara żewġ attivitajiet li jista' jkollhom gravità jew portata kompletament differenti.

"Illi *in oltre* l-esponent jirrileva illi d-dritt għal smigħ xieraq jikkonsisti ukoll fil-bżonn illi jrid ikollok ċertezza legali (*vide* Scoppola *v.* Italy, 17 ta' Settembru, 2009, Qorti ta' Strasburg) fil-qafas ġuridiku tal-pajjiż li ħadd ma jista' jieħu piena li għaliha ma jkunx hemm provdut espressament fil-liġi, *nulla peona* [*recte*, *pœna*] *sine lege*;

"Illi l-appellant jirrileva ulterjorment li Malta rratifikat *The United Nations Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances 1988* fl-1996.

"Illi l-artiklu 3(2) tal-Konvenzjoni jgħid is-segwenti:

> ""Subject to its Constitutional Principles and the basic concept of its legal system, each party shall adopt strict measures as may be necessary to establish as a criminal offence under its domestic law, the possession, purchase or cultivation of narcotic drugs for personal consumption."

"Illi għalkemm il-leġislatur irratifika dan it-trattat li allura jifforma parti integrali mill-*corpus iuris* nostrali, l-istess leġislatur ma deherlux li kellu jemenda jew jiċċara b'xi mod l-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi dan għalhekk għandu ifisser li l-istess leġislatur ma ħassx il-bżonn li jagħmel dan u l-frazi *includes cultivation* għandha tiġi interpretata fl-isfond tal-Konvenzjoni *de quo* u b'hekk dik il-frażi tirreferixxi solament għall-kultivar mhux għall-użu esklussiv, inkella ma teżisti ebda ċertezza legali, minħabba d-diskrepanza li teżisti bejn il-Konvenzjoni u l-liġi;

"Illi din il-mankanza tal-istat Malti li jiċċara d-disposizzjoni tal-liġi fuq ċitata mal-Konvenzioni msemmija, ħalliet *lacuna* fil-liġi għal dik li tirrigwarda piena. M'hemm l-ebda disposizzjoni tal-liġi applikabli għall-kultivar għall-użu personali, u għalhekk japplika l-prinċipju surreferit *nulla peona* [*recte*, *pœna*] *sine lege*.

"Illi filwaqt li huwa biss fir-rigward tar-reat ta' kultivazzjoni illi l-leġislatur ma jagħmilx distinzjoni bejn dak li huwa għall-użu esklussiv u dak li huwa għal skopijiet ta' spaċċ, peress li l-istess disposizzjoni tħalli latitudni ta' piena esageratament wiesgħa (minn sitt xhur sa priġunerija ta' għomor) dan ukoll iwassal għal nuqqas ta' ċertezza tad-dritt u r-rekwiżiti ta' *foreseeability* u *legal certainty*, u għaldaqstant għal dawn r-raġunijiet kollha, huwa bi ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzioni u l-art. 7 tal-Konvenzjoni."

59. Frankament il-qorti ma tarax x'interess jista' jkollu l-attur fil-piena "għall-kultivar mhux għall-użu esklusiv" meta ammetta u nstab ħati illi kellu d-droga "*with intent to supply the same in that such possession was not for the exclusive use of the offender*". Ukoll li kieku dak li jgħid kien minnu (li, kif raraw 'il quddiem, ma huwiex) xorta ma kienx jolqot il-każ tiegħu: ladarba l-attur huwa ħati ta' kultivazzjoni mhux għall-użu esklusiv tiegħu ma jinteressahx x'piena tingħata jew ma tingħatax lil min ikollu d-droga għall-użu esklusiv tiegħu. Huwa nstab ħati li kellu d-droga mhux għall-użu esklusiv tiegħu mhux għax il-liġi tekwipara ħaġa ma' oħra, kif qiegħed igħid hu, iżda għax hu ammetta (wara li kienu mfissra lilu l-akkużi, wara li ħa l-parir tal-avukat tal-għażla tiegħu, u wara li ngħata l-opportunità li jieħu lura l-ammissjoni) preċiżament dak il-fatt.

60. Barra minn hekk, ma hemm ebda inċertezza fil-liġi. L-art. 8(*ċ*) tal-Kap. 101 igħid ċar illi "Ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza kull min - ... ... ... (*ċ*) jikkoltiva l-pjanta *Cannabis*", irrispettivament minn jekk il-koltivazzjonji ikunx għall-użu personali jew le[9] waqt illi l-art. 22(1B) igħid, daqstant ieħor ċar, illi "Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni ... ... ...". Għalkemm huwa minnu illi fil-liġi ma hemmx definizzjoni tal-kelma "koltivazzjoni" t-tifsira hija ċara u ġiet imfissra kemm-il darba fis-

[9] Ara Adrian Marmarà *et v.* Avukat Ġenerali *et*, Kost. 16 ta' Diċembru 2013.

sentenzi ta' dawn il-qrati[10]. L-elementi tar-reat huma f'kull każ ċari u ċerti, u ma hemm ebda *pœna sine lege*.

61. Dan l-aggravju, li fil-fehma tal-qorti huwa x'aktarx fieragħ, huwa għalhekk miċħud.

62. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u tiċħad dak tal-attur: tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn: (i) iddikjarat ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli (artikolu 6 tal-Konvenzjoni u artikolu 39 tal-Kostituzzjoni) fil-proċeduri kriminali kontrieh; (ii) iddikjarat li l-artikolu 22(1) [*recte*, 22(2)] tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jikser id-dritt fundamentali tal-attur taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni; u (iii) ikkundannat lill-konvenut Avukat Ġenerali sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' sebat elef euro (€7,000) bħala kumpens għall-ksur, u tikkonfermaha fil-bqija, u hekk tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.

63. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

[10] Ara *e.g.* Adrian Marmarà *et v.* Avukat Ġenerali *et*, Kost. 16 ta' Diċembru 2013. Dwar ir-rwol tal-ġurisprudenza fiċ-ċertezza tal-liġi ara *e.g.* Camilleri *v.* Malta, Q.E.D.B. 22 ta' Jannar 2013, rikors 42931/10, para. 35.

---------------------------------TMIEM---------------------------------